**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 509/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Roderick Attard**

**Illum 16 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' Roderick Attard, ta' tmienja u għoxrin (28) sena, iben Francis u Mary Rose neè Borg, imwieled il-Pietà nhar il-31 ta' Ottubru 1991, residenti Birkirkara u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 550091(M), talli nhar it-2 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Ikkaġuna lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu Jake u Amy, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri;
2. Ikkaġuna lill-ġenituri tal-mara tiegħu u cioè Carmel Francalanza u Simone Francalanza, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dan waqt li kien qed jgħix magħhom;
3. Ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal Jake u Amy, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u cioè ommha u missierha, Carmel u Simone Francalanza;
4. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi:

5. Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard kontra l-volontà tagħha;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża, kontra Roderick Attard a benefiċċju ta' Michelle Attard, ommha u missierha u cioè Carmel u Simone Francalanza, u l-familjari tagħhom u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba ulterjuri tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuni ta' Michelle Attard, ommha u missierha u cioè Carmel u Simone Francalanza jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Roderick Attard b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba finali tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, il-Qorti tikkundanna lil Roderick Attard għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2020, inkluż il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markati Dok. "EH1" sa' Dok. "EH7" a fol. 8 sa' 37 tal-proċess;

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Michelle Attard, Simone Francalanza u Carmel Francalanza, permezz ta' Digriet datat 4 ta' Ottubru 2020[1] u rat li permezz ta' Digriet datat 14 ta' Ottubru 2020 reġa' nħareġ Ordni ta' Protezzjoni ieħor fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Michelle Attard, Simone Francalanza u Carmel Francalanza[2];

Semgħet ix-xhieda ta' Michelle Attard mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020[3] u x-xhieda ta' l-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2020[4] u rat is-Social Inquiry Report imħejji fir-rigward ta' l-imputat esebit bħala Dok. "MFS" a fol. 81 sa' 109 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Simone Francalanza mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Novembru 2020[5] u tat-3 ta' Mejju 2021[6] u semgħet ix-xhieda ta' Carmel Francalanza mogħtija waqt is-seduti tal-

[1] Fol. 39 tal-proċess.
[2] Fol. 49 tal-proċess.
[3] Fol. 54 sa' 75 tal-proċess.
[4] Fol. 78 sa' 80 tal-proċess.
[5] Fol. 110 sa' 117 tal-proċess.
[6] Fol. 198 sa' 202 tal-proċess.

11 ta' Novembru 2020[7] u tat-3 ta' Mejju 2021[8] u rat id-dokumenti Dok. "EP1" u Dok. "EP2" a fol. 196 u 197 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tar-Risk Assessors Tracy Baldacchino[9] u Redent Farrugia[10] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021, semgħet ix-xhieda ta' WPC 149 Ruth Sammut[11] u ta' l-Ispettur Eman Hayman[12] mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2021, semgħet ix-xhieda ta' PS1500 Alfred Cutajar mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Marzu 2021[13] u x-xhieda ta' PS506 Derel Bugeja mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Mejju 2021[14], semgħet ix-xhieda ta' Francis Attard[15] u ta' Mary Rose Attard[16] entrambe mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Ġunju 2021 u ta' l-20 ta' Lulju 2021 u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2021[17] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RA1" sa' Dok. "RA17" a fol. 236 sa' 252 tal-proċess;

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni, tad-Difiża u tal-Parte Civile;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-2 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkaġuna lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi ukoll omm it-tfal tiegħu Jake u Amy, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri; (2) ikkaġuna lill-ġenituri tal-mara tiegħu u cioè Carmel Francalanza u Simone Francalanza, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dan waqt li kien qed jgħix magħhom; (3) ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal Jake u Amy, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u cioè ommha u missierha, Carmel u Simone Francalanza; (4) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih. U talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi: (5) Bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard kontra l-volontà tagħha.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

[7] Fol. 118 sa' 124 tal-proċess.
[8] Fol. 183 sa' 195 tal-proċess.
[9] Fol. 139 sa' 145 tal-proċess.
[10] Fol. 146 u 147 tal-proċess.
[11] Fol. 148 sa' 157 tal-proċess.
[12] Fol. 158 sa' 171 tal-proċess.
[13] Fol. 173 sa' 179 tal-proċess.
[14] Fol. 181 u 182 tal-proċess.
[15] Fol. 204 sa' 207 tal-proċess u fol. 253 sa' 258 tal-proċess.
[16] Fol. 208 sa' 210 tal-proċess u fol. 259 sa' 266 tal-proċess.
[17] Fol. 216 sa' 235 tal-proċess.

**Michelle Attard**, mart l-imputat, xehdet waqt is-seduta ta' l-14 ta' Ottubru 2020[18] u ddikjarat li hi u l-imputat kienu ilhom tnax-il sena jafu lil xulxin, erba' minnhom miżżewġin. Xehdet illi: *maż-żmien kont qed ninnota li qed ikun ħafna pussessiv fuqi, fid-deċiżjonijiet li nagħmel u fl-affarijiet kollha li nagħmel jiena jrid ikun hemm is-say tiegħu, anke f'affarijiet li ma jirrikjedux lilu fil-verità. Issa aħna 4 xhur u nofs ilu kellna tewmin u dan l-aħħar kien qed ikollna sensiela kbira ta' argumenti. Aħna għamilna żmien, qabel ma morna noqogħdu fil-post tagħna, konna noqogħdu mal-ġenituri tiegħi. Issa kemm ilni li ħriġt tqila, il-karattru tiegħu nbidel totalment u sar iktar pussessiv u iktar obsessed. Fuq it-tfal speċjalment kellu ossessjoni kbira li ma jrid lil ħadd jeħdilhom ritratti, ma jrid lil ħadd jerfagħhom speċjalment il-ġenituri tiegħi u l-familja tiegħi. Ħadd ma seta' jerfagħhom però l-ġenituri tiegħi u l-familja tiegħi xi ħaġa speċjali. … Baqgħu jakkumulaw maż-żmien però mhemmx bażi li tgħid għandu għalfejn ikollu din il-mibegħda kbira lejhom* [ossia lejn il-ġenituri tagħha Carmel u Simone Francalanza]. *Lili kien iġegħlni wkoll ma nkellimhomx u għadni sal-lum jiġifieri fejn ma jkunx iridni nkellem lill-ġenituri tiegħi jew ħin verament limitat bħal "Saħħa", "Bonġu" u daqshekk. Niftakar l-aħħar argument li kellna kien il-Ġimgħa 2 ta' Ottubru, fejn aħna morna bit-tfal għand ommi għar-raġuni li hu għandu gallinar tal-ħamiem fuq il-bejt tad-dar tal-ġenituri tiegħi. Morna hemmhekk u bqajna deħlin fil-kamra fejn konna noqogħdu meta konna ngħixu hemmhekk qabel ma mxejna fid-dar tagħna u dħalna bit-tfal hemmhekk u hu tela' fuq. Issa lit-tfal ma nkunx nista' noħroġhom mill-kamra jiena għaliex ma jkunx irid min ikun ħdejhom speċjalment il-ġenituri tieghi u lanqas għajnuna mingħandhom ma nistax nieħu – la eżempju jħalltuli bottle u lanqas jidħlu ġol-kamra ma jistgħu huma. Imbagħad dakinhar meta kien fuq fejn il-ħamiem, it-tfal bdew jibku t-tnejn li huma u ma stajtx nieħu ħsiebhom it-tnejn waħdi fis-sens jiena nkun ġurnata sħiħa magħhom imma meta jibku it-tnejn f'daqqa, ikolli bżonn l-għajnuna. Ċempiltlu biex jinżel jgħini għax jiena lejh biss nista' ndur għall-għajnuna għax jiena ma nistax indur għal għajnuna oħra u niżel u għamel ħafna nervi għax kien għadu mhux lest minn ħdejn il-ħamiem u kellu l-ħwejjeġ maħmuġin. Bdejt ngħidlu imma jiena bilfors lilek irrid ngħid għax m'hemmx mod ieħor u beda jagħmel in-nervi u qalli li l-biki tagħhom iweġġagħlu qalbu, qalli li l-biki tagħhom se jqabbdu depression ukoll u qalli li dakinhar kienet l-aħħar darba li morna hemmhekk bit-tfal u qalli biex darba oħra nibqa' d-dar u nġibu babysitter. Għidtlu jiena m'iniex komda b'babysitter u għidtlu li jiena għajnuna mill-familja rrid u mietet hemm. Imbagħad dakinhar kellhom l-injection u qalli li ma jiflaħx għal kedda oħra u qalli biex nagħmlulhom appuntament għal darba oħra. Issa dan huwa wieħed mill-ħafna argumenti li kien qed ikollna fuq dawn l-affarijiet. Kellna argumenti oħra fejn eżempju nkunu d-dar tagħna u ma nkunx nista nċempel lil ommi u lil missieri u lil ommu u lil missieru imma speċjalment nies mill-familja tiegħi fuq Whatsapp biex jaraw lit-tfal, fil-ħin li jkun irid hu u jrid ikun preżenti hu meta nċempel.*

Michelle Attard xehdet ulterjorment illi *r-raġuni proprja li konna ngħixu hemm* (ossia d-dar tal-ġenituri tagħha) *għaliex l-ewwel nett għaliex kellu l-gallinar tal-ħamiem fuq il-bejt tagħhom allura kien iktar faċli biex ikun jista' jagħlef il-ħamiem u jiena nkun hemmhekk u d-dar tagħna ghandna 2 sulari taraġ allura iddeċidejna minħabba li kont tqila, kont nevita li nitla' dak it-taraġ kollu. Però xorta b'ħafna*

[18] Fol. 54 sa' 75 tal-proċess.

*restrizzjonijiet għax anke ritratti ma ried lil ħadd jeħodli ritratti tiegħi pregnant u biex ħadu wieħed mall-ġenituri tiegħi talbu permess lilu. Jiena restritta ħafna anke fejn immur, x'nagħmel u bażikament dejjem irrid nieħu permess mingħandu biex nagħmel xi ħaġa speċjalment fiż-żmien meta kont pregnant u bit-tfal. Ikolli ħafna kundizzjonijiet imma eżempju dan l-aħħar ukoll għidtlu biex sempliċi mmur nagħmel xagħri u għidtlu għandi bżonn sagħtejn biex joqgħod hu mat-tfal sakemm immur u qalli biex ma mmurx biex tipo nkompli nieħu ħsiebhom jiena għax forsi l-biki tagħhom jippanikkjah jew kif jgħid hu jqabbduh depression. Argument ieħor li kellna kien fuq il-flus u tlabtu biċ-ċar biex inkun naf kemm għandna flus fil-verità għax mhux kollox inkun naf u qalli ma irridx ngħidlek u aħjar ma tkunx taf għax inkella tonfoq kollox. Saħansitra, l-argument saħan, kien hemm frame u tah daqqa ta' ras u kissru. Imbagħad l-argumenti ta' wara eżempju jgħidli ieqaf għax ha nkisser xi ħaġa oħra jew kien jgħidli ħafna kliem li jiena m'iniex kapaċi, ma nafx nimmeniġġja u ħafna kliem li jwaqqgħek ħazin.* Dwar dan Michelle Attard żiedet tgħid illi: *jiena tlabtu biex inkun naf eżatt il-qagħda finanzjarja tagħna u qalli li aħjar ma nkunx naf għaliex inkella nonfoq kollox. Imbagħad minn hemmhekk bqajt ninsisti u bir-rabja kisser frame fejn tah daqqa ta' ras u kisser il-ħġieġ. Imbagħad xi ġranet wara erġajna tkellimna fuqha u qalli din id-darba kien il-frame u qalli ara darba oħra ma tmurx tkun fuqek. Ma nafx jekk forsi qallix biex nieqaf mill-argument jew verament qed ifissirha. Imma l-biża' hemmhekk qiegħda.*

Fir-rigward tal-permanenza tagħhom fid-dar tal-ġenituri tagħha, Michelle Attard iddikjarat: *aħna l-maġġoranza tal-ħin tagħna konna nqattgħuh fil-kamra tas-sodda fejn norqdu u forsi kont noħroġ sal-bathroom jew inkella forsi kont nagħmel bela' te' fil-kċina u nerġa' lura fil-kamra jew inkella fuq il-bejt. Għax hu ma jkunx irid li l-ġenituri tiegħi jgawdu lit-tfal jew jaraw lit-tfal. Anzi jarawhom fi x'ħin irid hu u meta jrid hu. Jiena ma nistax ngħid qbadt lil xi ħadd u mort fil-kċina bih jew hekk u mhux Covid related biss jiġifieri. Anke fuq il-Whatsapp u hekk m'għandhiex x'taqsam il-Covid u xorta fi x' ħin irid hu u jgħidli biex inċemplilhom meta jkun hemm hu jiġifieri jiena ma nistax inkun id-dar qed nieħu hsieb lit-tfal u forsi nċemplilhom jew nibgħatilhom ritratt għax ma nistax.* Dwar il-kamra tas-sodda li kienu jabitaw fiha, Michelle Attard iddikjarat li hi: *kamra tas-sodda kbira imma xorta ma nistax nuza' d-dar kollha jiena.* Dwar il-mod kif kienu jikkomunikaw bejniethom hi u l-imputat waqt li kienet tkun fil-kamra, Michelle Attard iddikjarat li: *kont inċempillu u anke hu kien iċempilli u kien iċempilli ta' spiss. Kont nibża' li jekk eżempju jċempilli xi ħadd, ikun min ikun u jċempilli hu u inkun fuq il-linja, jistaqsini ma' min kont fuq il-linja. Jgħidli ċemplulek ommok u missierek eżempju. Dan l-argument li kont semmejt fil-bidu kont ċempiltlu lilu biex jinżel jgħini. ... Iva, ċempiltlu għax ma stajtx inħalli lit-tfal waħedhom u mmur ngħajjatlu fuq il-bejt jew ngħid lil xi ħadd jgħajjatlu jew inħalli lil xi ħadd mat-tfal sakemm immur fuq.* Mistoqsija dwar jekk kienx ikollha argumenti ma' l-imputat fuq it-telefon, Michelle Attard wieġbet: *eżempju dakinhar li ġġieled m'ommi u ma' missieri kien ċempilli u qalli kif niġi se niġġieled ġlieda m'ommok. Fuq it-telefon xorta jkomplu għaddejjin dawn l-argumenti aħna jiġifieri jista' jkun niġġieldu filgħaxija u l-għada nerġgħu naqbdu l-argument eżempju.* Dwar il-movimenti tagħha meta kienet tkun fil-kamra, Michelle Attard wieġbet: *biex noħroġ mill-kamra jrid jibdilni hu, he replaces me, fil-verità jew inkella jridu jkunu vera reqdin u ngħid mort sal-bathroom u lura imma ma ngħidx eżempju ha mmur sal-kċina forsi ngħid żewġ kelmiet. Irid ikun hemm hu jibdilni u xorta meta jkun hemm hu ma nistax indum ħafna jien għaliex jew kif*

*immur lura narah bin-nervi jew forsi jaħseb li qed jgħiduli kontrih, ma nafx għax ma jkun vera xejn.*

Dwar dan l-atteġġjament ta' l-imputat, Michelle Attard xehdet illi: *minn dejjem kien hemm dawn is-sintomi però meta ħriġt tqila gravaw ħafna li jiena spiċċajt qisni tlift il-libertà tiegħi sa' ċertu punt. Hu kien ossessjonat li t-tfal, speċjalment il-ġenituri, ma jgawduhomx u darba minnhom, waqt argument, tipo bdejt ngħidlu għalfejn kien qed jagħmel hekk għax dawn tipo jridu jaraw lin-nies, iridu jaraw lit-tfal, jiena għandi bżonn l-għajnuna u jiena għadni ħierġa minn operazzjoni. Għandi bzonn l-għajnuna għat-tnejn u qalli biex inġibu babysitter imma jiena m'iniex komda bil-barranin. Qalli li ommi u missieri żgur ma jidħlux hawnhekk id-dar tagħna biex jgħinuni u darba minnhom qalli filkas inwaqqfu kollox, qalli inkellmu avukat u nispiċċaw hawn imma qalli li t-tfal jeħodhomli hu u qalli jekk inkun naf li mort għand il-ġenituri tiegħi, noqtolhom.*

Mistoqsija dwar l-atteġġjament ta' l-imputat mal-ġenituri tagħha, partikolarment meta kienu jirrisjedu għandhom, Michelle Attard wieġbet: *Ħażin. Kien jgħidilhom tipo m'iniex bżonnkom, it-tfal kapaċi nrabbuhom aħna u m'għandniex bżonn l-għajnuna. Darba minnhom kien għamel xenata d-dar li kważi ġejt fl-idejn ma' missieri. … Għax indunaw li kull darba li ma nkunux fil-kamra eżempju jsakkar il-kamra biex żgur ma jidħlux fejn it-tfal jew hekk u darba minnhom ommi ħadet għaliha għax indunat li qed isakkar il-kamra u meta ddeċidew biex jiġu jarawhom ma nafx x'qalet u ma ġietx u ġġieled magħhom imma sakemm iġġieled magħhom kellu xi qadja ta' malajr ma nafx fejn kienet u ħareġ mid-dar u sakkar lili u lit-tfal fil-kamra. Imbagħad x'ħin ġie lura mar jiġġieled m'ommi u daħal missieri u kienu ġejjin fl-idejn. … ħadd ma weġġa', just biża' li seta' weġġa' xi ħadd.* B'referenza għall-okkażjoni meta l-imputat sakkarha ġol-kamra flimkien mat-trabi, Michelle Attard iddikjarat li: *naf li kellu qadja ta' malajr la naf iġib xi take-away imma xi ħaġa ċuċata kienet sakemm mar u ġie jiġifieri. I am sure li lit-tfal iħobbhom u jridilhom il-ġid kollu jiġifieri imma mhux b'dan il-mod li jrid iwarrabhom u fis-sens li ma jrid lil ħadd ħdejhom għax hu jgħidli li jrid jipproteġihom imma it is not the right way.*

Michelle Attard kompliet tgħid illi: *darba konna d-dar tagħna u fuq il-gallinar tal-ħamiem kien jonqsu xi beċċun li jkun ġieh tard eżempju u jkun irid idaħħlu u qalli biex immur indaħħalulu malajr. Qalli forsi x'ħin ikunu reqdin it-tfal, qalli mur. Jiena nsistejt li ma mmurx u qalli mhux malajr għax aħna m'għandniex bogħod imma xorta ma xtaqtx inħallihom waħedhom u tlaqt niġri malajr indaħħal il-beċċun u ergajt lura. … qisu 10 minuti 'l hemm u 'l hawn b'kollox. … Alright ma ġara xejn imma xorta bżajt. Imbagħad hu jigħidli ħafna diskors li jiena ma nirrispettahx biżżejjed, li jiena ma nħobbux biżżejjed, jgħidli inti għalik kulħadd miskin minbarra jien, inti tagħti każ lil ħaddiehor minbarra lili u qisni dejjem jiena għandi bżonn ninbidel. … Kien ikun hemm qabel it-tqala dan id-diskors imma eskala ħafna dan l-aħħar.*

Dwar il-kuntatt tan-nanniet mat-trabi, Michelle Attard żiedet tgħid illi: *ma kienx iridhom jidħlu u ma jkun irid lil ħadd jidħol biex ma jkunux viċin it-tfal. … Xejn għaliex ħadd għadu ma refagħhom jiġifieri jew għandu ritratt tagħhom. … Meta jiġu biex jerfgħuhom jgħidli ommok u missierek l-aħħar tnejn li jerfgħuhom minn kulħadd. … Minn dejjem kellu din iċ-ċerta mibegħda lejhom imma kif għidtlek*

*m'hemmx bażi soda biżżejjed biex ikun daqshekk ma jaħmilhomx għaliex naraw ħafna ġid u għajnuna mingħandhom imma ma nistax nifhem u nipprova kemm-il darba ngħidlu tipo nippruvaw naraw x'hemm ħażin jew hekk imma nispiċċaw niġġieldu u ħafna kliem li jwaqqgħek ħażin. ... Hu ma jkunx iridni nagħmel ċertu affarijiet. Eżempju anke jarani nitkellem magħhom jew hekk inkun ħafna tensed għax ngħid ma mmurx ngħid xi ħaġa li lilu forsi ma togħġbux u nispiċċaw nerġgħu niġġieldu. ... Qatt ma ġejna fl-idejn. ... imma eżempju jgħidli ieqaf għax ħa nkisser xi ħaġa u ġieli telaq il-barra wkoll. ... Jien kont ngħidlu li tipo din is-sitwazzjoni li qed ngħixu fiha ma jistax ikun tibqa' sejra hekk. Hu qisu xtaq li jiena naqta' l-kuntatt kollu minn magħhom u anke minn mal-familja kollha tiegħi u qisni niġi iżolata minnhom. ... L-iktar mal-ġenituri tiegħi.*

Dwar kliem u aġir indirizzat lejha da parte ta' l-imputat, Michelle Attard xehdet illi: *kien qalli li jekk ma nibqgħux flimkien jeħodli t-tfal u jekk ikun jaf li mort għand il-ġenituri tiegħi bit-tfal jew huma ġew hawn fid-dar tagħna jiġifieri, qalli li joqtolhom. ... Lill-ġenituri tiegħi u jgħidli li jekk ineħħi l-gallinar minn fuq il-bejt ma nersqux 'l hemm iktar, la t-tfal u lanqas jiena. Qalli li ma mmurx iktar għandhom. ... Kien jgħidli li m'iniex kapaċi, jgħidli jekk iħalli xi ħaġa waħda f'idejja nagħmilha ħażin, m'iniex matura biżżejjed u ħafna diskors hekk. ... Anke kien joffendini. ... Skużi l-kelma "Foxx kemm għandek" u "Foxx ommok u missierek" u diskors bħal dan. Għandu mibegħda kbira u rabja kbira li qed iġġegħlu jagħmel u jgħid ħafna affarijiet. ... Lanqas jien stess ma naf. Jew forsi mill-ossessjoni jew forsi ċerta għira imma ma nafx. ... Forsi jgħir għalija għax forsi ma jridx li nkun close magħhom għax forsi jaħseb li jekk inkun close magħhom ħa nonqsu mir-rispett imma mhux veru. Hu jbati ħafna bl-ansjetà u jieħu xi pinnoli tal-ansjetà wkoll. Ma nafx forsi hija xi ħaġa li ma baqax jittekiljaha. ... Dan l-aħħar ma kienx qed jeħodhom regolari. ... Ir-rabja xorta tkun hemm u l-kundizzjonijiet, il-kontroll u r-restrizzjonijiet fuqi jkunu hemmhekk imma just forsi jkun naqra iktar kalm imma jekk ma jeħodhomx regolarment ġieli qalli hu stess li jkun ħażin u jkollu moħħu għajjien.*

Michelle Attard temmet ix-xhieda in eżami tagħha billi ddikjarat illi l-imputat *għandu ċ-ċavetta tad-dar t'ommi u jidħol anytime jiġifieri. Darba kuljum bilfors irid imur għaliex ovvjament ikun irid jagħlef. Imma ġieli kien jibqagħlu xi beċċun barra jew hekk u anke kien imur filgħodu waqt il-ġurnata tax-xogħol.* Mistoqsija dwar din iċ-ċavetta dak iż-żmien kenitx għadha għand l-imputat, Michelle Attard wieġbet fl-affermattiv u anke l-gallinar kien għadu armat fuq il-bejt tad-dar tal-ġenituri tagħha u żiedet tgħid illi: *bħalissa qed intuhom x'jieklu jiena u missieri. Parti mir-raġuni li konna niġġieldu wkoll għax il-ħamiem jeħodlu l-hin fil-verità, huwa hobby vera u ma xtaqtx intelliflu hobby imma kien qed jeħodlu ħafna ħin u jiena kont ngħidlu li jiena l-ħin tiegħu li għandi bżonn. Vera li kull ħaġa li jkolli bżonn tarah ġej biha imma jiena l-ħin tiegħu rrid għax jiena inkun ilni ġurnata nieħu ħsieb it-tfal, qed naħdem mid-dar, imbagħad jiġi, isajjar eżempju u jerġa' jitlaq. Ġieli jkunu s-19:00pm u ġieli dam anke aktar u jiena jkolli bżonn almenu ngħid sakemm qiegħed hemmhekk jagħlef il-ħamiem għand ommi, imqar jiġi xi ħadd itini daqqa t'id. ... Kont nixgħel il-laptop fejn bażikament ikolli 8 sigħat xogħol kuljum u rrid inlaħħaq maż-żewġt itfal.* Mistoqsija mill-Qorti: *jiġifieri inti waqt li kont qiegħda 8 sigħat xogħol kuljum, qiegħda wahdek ma' 2 tewmin ta' erba' xhur u nofs?* Michelle Attard wieġbet: *iva, eżatt. Intihom il-bottle, innaddfilhom u naħsilhom. Imbagħad*

*kien jiġi hu, forsi jkun naqra għajjien u forsi jserraħ naqra saqajh u hekk imbagħad isajjar u jerġa' jitlaq biex jagħlef il-ħamiem u hekk.* Mistoqsia dwar x'ħin kien jidħol id-dar mix-xogħol, wieġbet: *mhux dejjem l-istess, skont x'ħin ilesti. Qisu xi s-14:30pm f'dak l-ilma mbagħad jitlaq. Għamilna ħabta qabel bdejt naħdem konna mmorru kuljum hemmhekk għand il-mummy u l-istess again fil-kamra daqs li kieku bqajt id-dar fil-verità. Ġieli jkolli t-tfal qed jibku u nċempillu u ngħidlu fiex wasalt għax it-tfal qed jibku u hu fl-istess ħin, ikun għajjien u jgħidli l-biki tagħhom qed iqabbadni ħafna tferfir ġo qalbi u jgħidli ma nkunx niflaħ ngħinek. Jiena ma nixtieqx għajnuna tal-barranin meta għajnuna għandna minn fejn irridu.*

In kontro-eżami, mistoqsija dwar ir-relazzjonijiet bejn il-familja tagħha u l-familja ta' l-imputat, Michelle Attard wieġbet: *problemi bejn il-familja tiegħi u l-familja tiegħu qatt ma kien hemm. Huma dejjem raw li l-possessività tiegħu fuqi dejjem kienet. Infatti jaraw li mal-ħin qisni ma bqajtx it-tifla tagħhom jiena u jgħiduli li inqtajt ħafna minn magħħhom u li kont inkun ħafna miegħu. Għamilt ħabta kważi kważi nemmen li ommi u missieri mhux vera jriduli l-ġid għaliex kien il-ħin kollu jgħidli kontrihom.* Michelle Attard ikkonfermat li l-imputat huwa persuna ħabrieka ħafna u li qabel l-imxija tal-COVID kien anke jaħdem bħala waiter part-time u jdoqq fil-banda iżda żdiedet: *hija verità li hu kien jaħdem għall-familja. Il-flus però dejjem ried jimmeniġġjahom hu u għalkemm jgħidli kull ħaġa li jkollok bżonn nixtruha imma jiena dejjem xtaqt li jkolli say anke fid-deċizjonijiet il-kbar li nagħmlu eżempju anke sempliċement tat-tfal. Jiena għalfejn m'għandix niddeċiedi meta jarawhom il-ġenituri kemm tiegħi u kemm tiegħu speċjalment tiegħi imma jiena għalfejn m'għandix naqbad u mmur niehu kafè ma' ħabiba eżempju? Jiena kull darba li kien ikolli xi ikla jew hekk dejjem bl-argumenti u jekk kelli 10 ikliet jekk mort 5 darbiet eżempju għax ma jkunx irid.*

Dwar il-gallinar Michelle Attard xehdet illi: *il-gallinar riedu Roderick u kważi kważi nsista li jsir il-gallinar fuq il-bejt jiġifieri l-ġenituri tiegħi sa' ċertu punt kellhom jaċċettaw bilfors li jsir b'rispett tiegħi wkoll tipo biex ma jaqilgħux inkwiet bejnietna. Però xorta waħda jgħid li hija l-unika ħaġa tajba li għamlu miegħu jiġifieri li għamlu l-gallinar tal-ħamiem.* Hija kkonfermat li kienu jistiednu lill-ġenituri tagħha d-dar u dana b'mod frekwenti, iżda żdiedet tgħid illi: *xi ħaġa li jiena qatt ma stajt nifhimha u kont ngħidlu kif jista' jkun għandek din il-mibegħda kollha imbagħad qed tgħidilhom inti. Again, hu jiddeċiedi biex jiġu għandna jiġifieri jien still ma niddeċidix jien u ngħidlu isma nhar is-Sibt għidilhom jiġu anzi hu kien jgħidli biex ngħidilhom jiġu. Jiena kont ngħidlu imma għalfejn tipo din meta nkunu għandhom ma tħallihomx jaraw lit-tfal imbagħad ħa tħallihom jiġu għandna għaliex huma affarijiet kontradittorji li jiena ma nistax nifhem x'inhuma.* Filwaqt li kkonfermat ukoll li l-imputat kien jgħidilha biex tagħmel kuntatt mal-ġenituri tagħha tramite Facetime biex jaraw lit-tfal, Michelle Attard żiedet tgħid illi: *jiena ma nistax nagħmilha waħdi u rrid nagħmilha dejjem fil-preżenza tiegħu. Irid ikun hemm hu preżenti jiġifieri jekk darba minnhom kien qiegħed fil-kċina u t-tfal kienu fil-kamra, qalli ġibhom hawnhekk lit-tfal ħalli ċċemplilhom minn hawnhekk. Jiena għidtlu m'għandhomx għalfejn, għidtlu inti mhux fid-dar qiegħed, għidtlu nista' naqbad u inċempel imma ma kienx ried.*

Rigward l-imġieba ta' l-imputat fejn jidħlu t-tfal, anke fejn jirrigwarda għajnuna fir-rigward tal-bżonnijiet tat-tfal, Michelle Attard iddikjarat li: *lit-tfal qatt ma ħasilhom*

*u qatt ma biddlilhom nappy jiġifieri hu bottle kien itihom lit-tfal u ġieli bil-ġlied kien itihulhom għax kien ikun ħafna għajjien u l-biki tagħhom kif għidt kien jiskurmentah. Mingħajr ebda ħsara lejn it-tfal jiġifieri. ... Lit-tfal iħobbhom għidtha diġa' wkoll imma jiena ma nistax ngħix b'dawn il-kundizzjonijiet kollha.* Dwar id-diskors li l-imputat kien jirrivolġi lejha, Michelle Attard iddikjarat li: *definitely kien jgħidhom dawn l-affarijiet li lanqas inkun nista' nemmen li ċertu affarijiet ikunu vera ħerġin minn ħalqu. ... Inti lill-mara tiegħek ma tgħidilhiex ieqaf għax inkisser frame jew ieqaf għax nibda nkisser l-affarijiet li xtrajt jiena bis-saħħa tiegħi. Dawn l-affarijiet kollha qalhom u jgħidu fejn jidħlu ommi u missieri u speċjalment ommok u missierek qalli neħodhom jiena d-deċiżjonijiet. Ngħidlu għalfejn, mela aħna mhux suppost it-tnejn li aħna nieħdu d-deċizjonijiet flimkien u kien jgħidli biex ma nindaħalx.*

Dwar il-kwistjonijiet mal-ġenituri tagħha, in kontro-eżami Michelle Attard żiedet tgħid: *meta konna għadna għarajjes, wara l-iskola kont nibqa' sejra għandu u ġieli kont indum ukoll sa' 00:00a.m. jew is-01:00a.m. għandu filwaqt li jiena qiegħda skola, dik kienet xi ħaġa li tinkwetahom ħafna u xtaqu li titranġa l-affari biex jiena nkun nista' nkun konċentrata fuq l-iskola u fuq l-istudji tiegħi. Però minn hemmhekk imbagħad bdiet ir-reżistenza minnu għalihom. ... Huma qaluli la inti kuntenta, kuntenti aħna. Huma kienu konċernati li dawn l-affarijiet m'humiex the right thing fis-sens li wara l-iskola ma mmurx id-dar, nittraskura l-istudji tiegħi u dawn l-affarijiet. Għalkemm hu qatt ma qalli ieqaf mill-iskola dak iż-żmien imma still qisek tinfluwenza ruħek u l-istudju twarrbu mal-ġenb. Imma dik kienet il-main issue tagħhom li kont qed inkun ħafna barra u l-bogħod mill-istudji li kont fihom dak iż-żmien. ... jistaqsini eżempju x'qalulek jew qalulek xi ħaġa fuqi. Dawk il-ħafna mistoqsijiet li jtini x'nifhem li hu qed jibża' li forsi qed jgħiduli kontrih jew qed jippruvaw ixewxuni kontrih meta mhuwiex veru. Kif għidt, huma kienu jaraw ċerta attitudni meta kien jidħol id-dar fil-bidu. Eżempju niftakar avveniment minnhom fejn daħal jidgħi d-dar għand ommi u missieri kien sikktu. Kien ħadha kontrih għax sikktu u biex ma jerġax jagħmilha fid-dar t'ommi u anke li kien possessiv, kienet xi ħaġa li huma nnutawha mill-bidu nett. Però mbagħad la darba raw li bqajna flimkien, ħallewha għaddejja fis-sens anzi mbagħad kull ħaġa li jkollna bżonn jgħinuna u dejjem rajna għajnuna mingħandhom.*

Fir-rigward tal-kamra li kienet tkun fih fiż-żmien meta kienu jgħixu għand il-ġenituri tagħha jew meta kienu jmorru għand il-ġenituri tagħha wara li marru joqgħodu fid-dar tagħhom, Michelle Attard tenniet: *kien jgħidli biex it-tfal ma noħroġhomx minn ġol-kamra għall-ebda raġuni allura awtomatikament jiena ma nistax noħroġ għax it-tfal mhux ħa nħallihom waħedhom u plus jgħidli anke sempliċement bela' te' eżempju ommi tgħidilna jekk irridux te' u tagħmilli bela' te', jgħidli biex ngħidilha tħallihieli fit-tieqa tal-kuritur biex imbagħad noħroġ għaliha. Jiġifieri ma tistax iddaħħalieli fil-kamra. ... Il-bieb dejjem magħluq jiġifieri u jekk inħalliħ miftuħ kien jgħidli għalfejn qiegħed miftuħ il-bieb. ... Hu magħluq ikun mhux imsakkar. Darba kienet li sakkar lili u lit-tfal ġewwa, dakinhar tal-argument m'ommi u ma' missieri. ... Dak ommi ndunat li kien qed isakkar il-kamra għax ġieli kien jgħidli biex nitla' ngħinu fuq il-bejt jiknes u sakemm ikunu reqdin nixgħelu l-mobile wieħed isfel fil-kamra u wieħed magħna biex jekk jibki xi ħadd nindunaw u l-bieb sakkru u tlajna fuq. Ommi qisha ndunat x'kien qed jiġri fis-sens hi ma kinitx ha toqgħod tidħol fil-kamra la taf li ma jiħux pjaċir u ħadet għaliha. Imbagħad filgħaxija iddeċieda l-ħin*

*fi x'ħin jiġu jarawhom u ommi għal xi raġuni ma ġietx għax naħseb kienet ħadet għaliha u kien ġie missieri biss. Imbagħad dakinhar ried imur iġib xi take-away jekk mhux sejra żball u sakemm mar sakkar lili u lit-tfal fil-kamra. Imbagħad ċempilli u qalli kif niġi se niġġieled ġlieda m'ommok għax ma ġietx tara lit-tfal.*

**Simone Francalanza** xehdet waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2020[19] u iddikjarat li: *dawn,* ossia l-imputat u bintha Michelle, *kienu joqogħdu magħna, kellhom il-kamra tagħhom fid-dar tagħna u t-tifla mbagħad kienet ħarġet tqila u baqgħu jgħixu hemmhekk. Aħna bdejna nindunaw b ċertu affarijiet għaliex it-tifla bdiet taqta ħafna minn magħna, iktar toqgħod fil-kamra u kienet toħroġ biss qisu meta joħroġ hu. Il-komunikazzjoni ġiet kważi fix-xejn u hu beda ma jkellimniex. Hu kien qalilna li jrid il-ħamiem fuq il-bejt ukoll u aħna m aħniex xi dilettanti jiena u r-raġel imma speċi biex nikkuntentawh aċċettajna li jkollu l-ħamiem fuq il-bejt. Hu għandu wkoll l-għasafar fil-bitħa tagħna. Imbagħad sadanittant twieldu t-tfal u kellhom tewmin u aħna konna ngħidu forsi issa s-sitwazzjoni meta jitwieldu t-tfal forsi tmur għall-aħjar, iġibu l-ferħ u forsi tirranġa s-sitwazzjoni. Aħna bqajna passivi biex kemm jista jkun bejniethom tibqa l-unjoni u speċi sakemm qegħdin niġu milquta aħna, ma qgħadniex noqogħdu nikkonfrontaw jew xi ħaġa. ... Imbagħad twieldu t-tfal u darba minnhom anke ndunajt illi telgħu fuq il-bejt it-tnejn li huma u l-bieb tat-tfal ingħalaq, issakkar, biċ-ċavetta. ... It-tifla għamlet il-mobile biex jekk jibku jisimghuhom u jiena ghalija qisha weġġħa illi jiena qiegħda hemmhekk fis-sens illi jekk huma se jibku jew xi ħaġa, ma nistax nittawlilhom u dawn qegħdin magħluqin hemmhekk. Filgħaxija ġieli meta kien ikun irid jgħajtilna żewġ minuti għax aħna lit-tfal ma konniex narawhom ħafna, kienu jgħajtulna minuta jew tnejn biex nittawlulhom mill-bogħod u speċi daqshekk. Dakinhar jiena vera ħassejtha ... għax din għalija hija xi ħaġa li tħalli lit-tfal imsakkrin hemmhekk meta jkun hemm xi ħadd li jista jittawlilhom. Imbagħad filgħaxija qalulna biex immorru dawk iż-żewġ minuti nittawlulhom u jiena ngħidlek il-verità kont dħalt ġos-sodda għax kont vera qiegħda ħażin u lir-raġel għidtlu biex imur hu u jiena ma mortx. Imbagħad filgħaxija għamel għalija u qalli jekk għandix xi problema, qalli biex immur nara lit-tfal u ma mortx. ... Ir-raġel semgħu u tela minn isfel, qal x inhi l-problema, beda jkellimna ħażin u għamel xi 10 minuti għaddej. ... Kliem naqra oxxen. ... bhal Mur ħudu foxx kemm għandek" u ħafna affarijiet minn dawn. Mistoqsija jekk kienx hemm theddid, Simone Francalanza wieġbet: lir-raġel qallu. ... Qallu Jiena rrid tletin oħra bħalek" u għamel xi 10 minuti għaddej bihom dawn u l-kliem oxxen baqa għaddej. Ngħidlek il-verità dakinhar imbagħad dħalt ġol-kamra tas-sodda u sakkart il-bieb għax bniedem ikun f dik ir-rabja ma tafx x jista jagħmel. Imbagħad jien u r-raġel tkellimniha u qalli naħseb l-aħjar ħaġa li nagħmel hi li mmur u nitolbu skuża għax dik l-attitudni aħjar nikkalmaw is-sitwazzjoni u jiena għidtlu naħseb naqbel miegħek għax hekk l-aħjar. Qalli forsi tgħaddi. Ir-raġel mar u talbu skuża imbagħad hu speċi pretenda li jiena nitolbu skuża wkoll u jiena mort u tlabtu skuża. Dak il-ħin deher li apprezza imma s-sitwazzjoni ma rranġatx. ... minn meta twieldu t-tewmin, is-sitwazzjoni dejjem marret għall-agħar.*

Mistoqsija kienx hemm okkażjonijiet oħra meta l-imputat għamel għalihom, Simone Francalanza wieġbet: *iva, speċjalment lili għax iktar kien isib lili. Kien jgħidli li hu m għandnux bżonna u anke per eżempju meta t-tifla ħarġet mill-isptar offrejnielu*

---

[19] Fol. 110 sa' 117 tal-proċess.

*l-għajnuna biex speċi għandek tnejn u niġu b karozza oħra u hu qalilna li kienu ġejjin ommu u missieru u aħna ma nidħlux fiha. Naħseb anke t-tifla kienet tieħu pjaċir tara lil xi ħadd minna.* Mistoqsija però dwar aġir aggressiv fil-konfront tagħha u/jew ta' żewġha da parte ta' l-imputat, Simone Francalanza wieġbet: *aħna as such ma kienx qed ikellimna lilna. Ahna anke kien jiġi per eżempju għax hu wara x-xogħol imbagħad imur id-dar, imbagħad kien jiġi għandi ta kuljum biex jitla ħdejn il-ħamiem. ... Għax imbagħad għamlu xi xahrejn u marru jgħixu d-dar tagħhom imma hu għandi kien jiġi kuljum. It-tifla sadanittant ma nistgħux inkellmuha għax anke meta kienu għadhom id-dar, jekk ngħaddu minn quddiem il-bieb, il-bieb kien ikun imbexxaq u kien jingħalaq imbagħad wara dawn ix-xahrejn marru d-dar tagħhom. Jiena kien jidħol jiġifieri jibqa dieħel u jibqa tiela qisu m'hemm ħadd, aħna ħallejnielu ċ-ċavetta għax kien ikun irid jiġi f xi ħinijiet oħra għall-ħamiem u speċi kien jiġi. Aħna tajnieh il-libertà kollha fis-sens biċ-ċavetta. Kont noffrilu u ngħidlu ħa nagħmillek kafè qabel titla u kien jgħidli Iva, iva" imma kliem mill-inqas. Li ma kontx nifhem imbagħad per eżempju li filgħaxija ġieli darba fil-ġimgħa, filli d-dar ma jkellimniex imbagħad filli ħa immorru għandhom, speċi qalilna biex immorru għandhom. Alright, jilgħab bil-Playstation ikun u hekk kien jibqa jiġifieri xorta ma kienx ikun hemm dik il-komunikazzjoni imma still ma kontx nifhimha fis-sens qiegħed għandi u ma tkellimnix imbagħad ħa mmorru darba f ġimgħa hemmhekk. Sadanittant, dakinhar li ġara l-każ, qalli għandek punishment u għandek jumejn ma tarax lit-tfal, lanqas ħa ngħajjatlek. Aħna xorta bqajna passivi għax ahna ma ridniex inkunu aħna li jidħol l-inkwiet bejniethom allura speċi sakemm huma għaddejjin, l-importanti huma mhux aħna. Imbagħad meta t-tifla bdiet turi illi mhijiex qiegħda tajba, hemmhekk imbagħad l-affarijiet kienu mod ieħor.*

Mistoqsija tispjega dan l-aħħar kumment tagħha, Simone Francalanza xehdet illi: *it-tifla kienet qiegħda just toħroġ mill-kamra meta jkun hemm hu meta kienet tiġi id-dar. Meta ma kinitx tkun id-dar u hu kien ikun ħdejn il-ħamiem, aħna ma nistgħux immorru ngħinuha jiġifieri din kienet tibqa waħedha. Darba minnhom għidtilha ħu paċenzja u filgħodu mqar tibgħatli u tgħidli li intom OK ħalli nserraħ rasi li intom tinsabu tajbin. Darba kienet fil-kamra u ħarġet fil-kċina u qaltli biex noqogħdu attenti u rajtha kienet imwerwra u jiena staqsejtha għalfejn kienet qed tgħidli hekk. Qaltli oqogħdu attenti, daqshekk biss ha ngħidlek u qaltli għax ma irridx ngħidlek. Jiena għidtilha le, issa għidli u qaltli għax qed jheddidni bikom li joqtolkom. Ifhimni jiena ksaħt naqra għax tgħid jekk qed jhedded bina, it-tifla qiegħda miegħu u qed jgħixu hemm bit-tfal. Jiena bqajt ngħidilha biex imqar tibgħatli li kollox sew għax imorru d-dar u jiena nkun qed ninkwieta. Ma kienx ikun iridha lilha la ċċemplilna u xejn u komunikazzjoni xejn allura ma kontx inkun naf it-tifla fiex inhi. Imbagħad darba minnhom, il-ġurnata ta qabel ir-rapport, hu kien qiegħed fuq u naf li kien imisshom imorru għal xi injection tat-tfal, ħarġet it-tifla fil-kuritur, jien kont ħierġa mill-kċina u qaltli Ma, jiena ma niflaħx iktar. Araw x se tagħmlu". ... Ma kinux jgħixu għandna però dakinhar kienu qegħdin għandna għax hi ġieli kienet tiġi u tintefa fil-kamra u ġieli kienet tibqa d-dar bit-tfal. Imbagħad it-tifla she reached out u t-tifla naf kemm hi kwieta fis-sens trid tkun vera qiegħda ħażin biex ġiet qaltli biex naraw x ħa nagħmlu għax ma tiflaħx iktar. Imbagħad minn hemmhekk kien sar ir-rapport. ... Is-sitwazzjoni kienet imwerwra li spiċċajt anke bil-lejl nagħlaq il-kamra tas-sodda bil-biża meta kont inkun id-dar u ma noħroġx minn hemm jekk hux vera għall-bzonn. L-iktar l-iktar ukoll minħabba t-*

*tifla u t-tfal għax naf li mhux qegħdin hemm u ma nafx x qed jiġri. Lilu dejjem irrispettajtu u għadni sal-ġurnata tal-lum ngħid li nixtieqlu kull ġid. Imma lilna għamlilna ħafna ħsara li kont spiċċajt ngħid aħjar inkun ix-xogħol milli niġi d-dar. Issa jiena waħda minn dawk li minn wara x-xogħol għad-dar imma tant kont imdejqa u mbezzgħa li...* Mistoqsija tgħid minn xiex kienet imbezzgħa, Simone Francalanza wieġbet: *l-ewwel nett meta għamel xenata bħal dik, inti tibda tibża . Anke per eżempju darba kellu sodda tal-baby biex iġorrha d-dar. Ma kienx jgħidli isma ħa nġib lil xi ħadd id-dar ħalli jgħini biex inġorr is-sodda, kont niġi u ma nsibhiex hemmhekk. Jiġifieri d-dar kważi konna qegħdin hemmhekk aħna u ma kellna say ta  xejn. Per eżempju darba ridna nagħmlu barbecue għaliex it-tifla l-oħra spiċċat miegħu ma tantx tingwalaha lanqas u spiċċat qaltli li mhijiex komda speċjalment meta aċċettajna li jkollu l-ħamiem fuq il-bejt. Forsi m għamilniex tajjeb għax dak iż-żmien għidnielha li ħa naċċettaw għax jixtieq li jkollu l-ħamiem u spiċċajt anke t-tifla l-oħra ngħidulha biex tiġi ħa nagħmlu barbecue fuq il-bejt u mhux ħa noqogħdu isfel, xorta ma kienx ikun irid u id-dar ma jiġi ħadd ħlief ommu u missieru. Kienet sitwazzjoni li biex tgħix fiha kienet tad-dwejjaq u ta  ċertu biża . Dan kien jgħidli li ġejjin ommu u missieru biex nagħmlu barbecue magħhom u nibda ngħid jiena vera forsi t-tifla mhux qed titkellem imma biex jagħmel hekk magħna li aċċettajna kollox biex narawh kuntent. ... L-attitudni tiegħu anke kif tkellmu kont tibża  li tgħidlu kelma u se jeħodha ħażin għax xi xenata tkun qed tistenna. Ma kienx tip ta  persuna li ngħidulu xi ħaġa għax ma kienx se jaċċettaha. Anke per eżempju għidtlu se tiġi Mandy d-dar ħa nagħmlu barbecue, kien jgħidli  Hawnhekk ma jiġi ħadd u issa meta jiġu l-mummy u d-daddy nagħmlu barbecue mbagħad ngħidulha tiġi”. Aħna konna nippreferu li nibqgħu kawti u passivi u ma ngħidu xejn milli noħoqlu xi splużjoni għax imbagħad hemm it-tifla u t-tfal fin-nofs.* Mill-ġdid mistoqsija tispjega din il-biża’ li kienet tgħid li tħoss, Simone Francalanza ddikjarat: *għax jekk tgħidlu xi ħaġa taf li se jirrispondik u jgħidlek  Għandek xi problema?” jew anke per eżempju missieru kien jiġi ta  spiss id-dar u aħna qatt ma kellna problema li jiġu l-parents tiegħu d-dar għax kienu jiġu jgħinuh fil-ħamiem u anke ħabib tiegħu kien jiġi u jiena qatt m għidtlu biex ma jġib lil ħadd. La naf li hu kuntent jitilgħu ħdejh qatt m għidt xejn. Anke ommu ġieli ġiet u toqgħod miegħi fil-kċina. Imma imbagħad l-aġir tiegħu kien jgħidilna  Le, barbecues ma nagħmlux” u kont ngħidlu lir-raġel imqar inkun naf li ġej xi ħadd. It-tifla darba qaltli u din sirt nafha issa għax qabel ma konniex nikkomunikaw flimkien, kien ġej missieru u jiena kont bil-leave u r-raġel bagħtilha u qalilha isma ġejjin id-dar peress li se jkun hemm il-mummy u qalilha li għandu xi problema għax jiġi missieri jew għax jiġi xi ħadd u lir-raġel għidtlu aħjar ma tgħidlu xejn u jiġi min irid biex inżommu il-kalma kemm jista  jkun. ... Kien jgħidilna  Għandkom xi problema?” ... it-ton kien ikun pjuttost aggressiv magħna.*

Mistoqsija qattx daħlet fil-kamra fejn kienu jkunu Michelle u t-trabi, Simone Francalanza wieġbet li le u dana *għaliex ma kellniex permess assolutament. Lanqas nersaq  l hemm ma kont għax Alla ħares jara lil xi ħadd jersaq  l hemm. ... Kont nibża  niftaħha. Kont naf li hija d-dar tiegħi imma anke per eżempju kont neħdilha tazza tè lit-tifla biex ngħid għamiltilha tazza tè u kienet tgħidli biex nagħmilielha fit-tieqa u biex ma nersqilhiex lejn il-kamra. Ma kontx nista  nersaq  l hemm.*

In kontro-eżami[20], dawr l-inċident li kien inqala' bejniethom meta l-imputat u Michelle telgħu fuq il-bejt u ħallew it-tfal fil-kamra msakkra u dwar jekk l-imputat għamilx xi theddid fil-konfront tagħha, Simone Francalanza iddikjarat li: *jiena li qalli, kif fetaħ il-bieb u qisu mbotta lit-tifla u daħal warajha, beda jgħidli Inti għandek xi problema?" u jiena għidtlu ejja nikkalmaw u nitkellmu bil-kwiet u qalli Jiena ħadd ma jiffakkja miegħi, inti jmissek ġejt tara lit-tfal la jiena għidtlek." Dawn l-affarijiet ta Jiena ħadd ma jiffakkja miegħi" kien jgħidhomli mhux dakinhar biss jiġifieri din smajtha kemm-il darba u kienet ilha ġejja. Dik kienet l-iktar okkażjoni imbagħad li beda jiddillierja. … Iva, li ma tiffakkjawx miegħi għaliex tpattuha, iva, kien jagħmilhom.* Fir-rigward ta' dak li seħħ eżatt dakinhar, Simone Francalanza iddikjarat li kienet bintha li ħarġet mill-kamra u sakkret il-bieb warajha u li kif rat hekk ħassitha iktar milli ffastidjata *imma anke li hemm it-tfal imsakkrin hemm ġew meta dawn trabi u lanqas qed nitkellmu tfal imma trabi li jekk stess dawn xerqu jew xi ħaġa, hemm xi ħadd illi jista imqar jittawwal minn barra l-kamra jew għallinqas tismagħhom. … Ħassejtni ffastidjata iva imma imbagħad hemm il-biża tat-tfal ukoll għax ovvjament jekk inti qiegħda hemmhekk tista tismagħhom lit-tfal u jekk ma jridx lili li nidħol, għallinqas inċempillu jew xi ħaġa u ngħidilhom isma hemm it-tfal xerqu jew xi ħaġa.* Ikkonfrontata bil-fatt li l-bieb sakkritu bintha u mhux l-imputat, Simone Francalanza wieġbet: *l-ordnijiet Michelle kienet teħodhom mingħandu. … qalieli mhux dakinhar imma kien qalieli per eżempju darba konna qegħdin fil-kcina u ħarġu jagħmlu l-kafè u kien qalli Jiena lil Michelle u lit-tfal nikkmandahom jiena għax jiena naf kif immexxi" cioè dan il-kliem smajtu mhux darba jiena.*

**Carmel Francalanza** xehed fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2020[21] u ddikjara li: *madwar sena qabel, minn meta Michelle, it-tifla tagħna jiġifieri, ħarġet pregnant, bdejna ninnutaw li bil-mod il-mod qiegħda tiddistakka ruħha minna jiġifieri tkellimna inqas u niltaqgħu inqas. Tajjeb ngħid ukoll li dawn,* ossia Michelle u l-imputat, *kienu jgħixu magħna dak iż-żmien u anke matul it-tqala kollha. … Din jiġifieri kuljum bdiet iżżid fil-ħaġa jiġifieri dawn kellhom kamra fejn kienu jorqdu u speċi jgħixu hemmhekk, bdiet toħroġ inqas mill-kamra just kemm imorru jsajru flimkien imbagħad jidħlu jieklu f din il-kamra u prattikament ma toħroġx jekk mhux biex tagħmel toilet jew affarijiet hekk. Bil-mod bdiet tnaqqas u aħna bdejna ninnutaw u bdejna ngħidu imma x qed jiġri u għalfejn qed jiġri hekk u hi speċi ma tagħtiniex sodisfazzjon u kienet tgħidilna U le, ha noqogħdu hemm ġew". Aħna konna nixtiequ illi t-tifla l-ewwel darba pregnant u tistaqsiha kif inhi sejra, x inhi tħoss u dawn l-affarijiet u bdejna nħossu li hemm nuqqas. Jiena bniedem inħobb ir-ritratti jiġifieri xtaqt li jkolli rikordju tat-tifla għax ma tantx ikollok okkażjonijiet li tkun pregnant u hi dejjem kienet tgħidli li aħjar ma niħdux ritratti u jiena kont ngħidilha imma għaliex u kienet tgħidilna għax ma jiħux pjaċir. Jiena ħassejtni li m għandi nitlob permess mingħand ħadd biex nieħu ritratt mat-tifla tiegħi waqt li qiegħda pregnant. Stennejt sal-aħħar 3 ijiem qabel ma kellha twelled u għiditilha isma hemm bżonn li nieħdu ritratt ta mhux 9 xhur sħaħ u lanqas għandi ritratt miegħek pregnant u bil-permess tiegħu ħadilna ritratt hu stess u għallinqas għandi ritratt wieħed tat-tifla. Kellhom l-aħħar vista tal-pregnancy u ma setax jattendi magħha hu għax hu kien imur dejjem magħha u jiena offrejtilha mill-ewwel u*

---

[20] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, fol. 198 sa' 202 tal-proċess.
[21] Fol. 118 sa' 124 tal-proċess.

*għidtilha li jekk trid jiena kont lest li nieħu l-leave u inwasslek għax ifhimni nieħu pjaċir għax qed nagħmel xi ħaġa lit-tifla u qaltli li le ma jimpurtax għax kienet sejra ma ommu u għidtilha alright. Naf li ommu ssuq allura għidt mhux problema mela. Insir naf filgħaxija imbagħad meta staqsejtha kif marret u jekk marritx għaliha u qaltli li marret bil-karozza tagħha. Għidtilha jiġifieri soqt inti, b żaqq daqshiex tmiss mal-isteering u dan kollu għaliex ma tahiex permess li nwassalha jiena. Dakinhar tal-operazzjoni taċ-ċesarja marret biex twelled u ovvjament aħna offrejna wkoll biex jekk trid immorru aħna u qaltilna le għax ħa jiġu l-parents tiegħu u għidtilha alright għax jiena l-aqwa li jmorru u jiġu bil-kwiet. Dawn dejjem affarijiet li jiena qed inħosshom li qed inaqqas lilna min-nofs però l-iktar ħaġa li ddejjaqni hija li kollox qed isir kontra l-volontà tat-tifla. It-tifla ovvja li tixtieq lil ommha għax x'ħin ħarġet mill-isptar, l-ewwel wens dejjem ikun tal-omm u jiena b hekk kont ninkwieta l-iktar u fi pregnancy sħiħa jiena ma ridtx niftaħ ħalqi għax ma ridtx ninkwieta lit-tifla u ma ridtx noħloq paroli u nkwiet żejjed. Imbagħad jiena dejjem kont ngħid li dan forsi għaddej minn żmien li kulħadd jinkwieta sakemm jara lit-tfal qawwijin u sħaħ, għidt issa jitwieldu t-tfal u kollox jiġi għan-normal u jkollna l-ferħ fil-familja. Però dan il-famuż ferħ ma wasalx anzi pjuttost bil-kontra għax is-sitwazzjoni gravat iktar. Gravat iktar għax mill-ewwel ġurnata li dawn waslu bihom id-dar, kien hemm tensjoni kbira fid-dar jiġifieri konna aħna u l-ġenituri tiegħu u ħadd ma jitkellem li kienu għadhom ġejjin bihom. It-tfal mitfugħin hemm, ħadd ma jista jersaq lejhom u kliem mill-inqas, li f ħin minnhom il-mara dort fuqha jiena bis-serjetà u għidtilha jaqaw qed nattendu xi funeral hawn għax suppost qegħdin nifirħu u qegħdin b dan id-dwejjaq. Mela aħna ma stajniex naraw lit-tfal jiġifieri narawhom meta jiddeċiedi hu darba fil-ġurnata għal 2 minuti kollox u rridu noqogħdu l-bogħod minnhom minn hawn u dik is-sinjorina, ovvjament bil-maskri u hekk imma dik hija ħaġa li nifhmuha. L-iktar ħaġa li kienet gravi li aħna konna imweġġgħin biha kienet li dan ma riedx li nagħtu għajnuna lit-tifla tagħna. Mela din qiegħda b żewgt itfal, ovvjament dawn ikunu għadhom żgħar allura jkunu jridu l-bottle fl-istess ħin, mela wieħed qed jibki sakemm qed tagħti l-bottle lill-oħra u aħna qegħdin hemm fid-dar tagħna jiġifieri u ma nistgħux ngħinuha u dik kienet weġgħa kbira. Kienet weġgħa l-iktar mhux għat-tfal ghax it-tfal mhux se jiftakru imma l-omm – li tiġi t-tifla tagħna – se tibqa tiftakar żgur, kemm għaddiet minn affarijiet li rat lil uliedha jbatu a skapitu li ma jridx għajnuna. Imbagħad kien hemm inċident naħseb semmietu l-mara allura mhux se nidħol fid-dettall fejn għamel għalina – proprjament għall-mara tiegħi għamel – ġo dari u dan kollu għaliex il-mara ma riditx tmur tarahom meta hu qalilna issa l-ħin li narawhom.*

Dwar dan l-inċident, Carmel Francalanza xehed illi: *jiena dak il-ħin kont ħiereġ u kont sejjer għand ommi għax dakinhar kien imissni mmur u erġajt dħalt lura nitfa ċ-ċavetta tal-garaxx ġewwa u smajt għajjat u storbju. Tlajt u nsib lil Roderick u lit-tifla fil-kamra tas-sodda. ... Il-kamra tas-sodda tagħna fejn kien hemm il-mara jiġifieri u kien qed jagħmel għaliha. Kien hemm ħafna għajjat u beda jgħidilha ghax inti ssuppervjajt u ma ridtx tarahom u ħafna kliem ħażin. Jiena avviċinajtu speċi għidtlu x ġara biex jieqaf għax kienu d-21:00pm, dak l-għajjat, ġo dari, taħti hemm il-kunjata li naf li semgħuh u ma ridtx li ninkwieta lil ħadd u ridt nikkalma s-sitwazzjoni. Imbagħad kif jiena ersaqt lejħ, hu avviċina lili u nsulenta lili ukoll. Jiena dak il-ħin, l-iktar li nkwetajt, onestament, mhux li jerfa idejħ fuqi imma l-iktar li nkwetajt kien għall-mod kif bdejt naraħ jaġixxi li lanqas naf nispjegaha għax kien f dillirju sfrenat. Din il-kwistjoni kienet fuq xi ħaġa żgħira ħafna għax din ma*

*ġietx tara lit-tfal. Kieku jiena każ normali ngħid tbusli għajni, ma ġietx tarahom, tagħmel hi, mhux xorta għalija. Imma hu tant aġixxa b rabja li jien dak il-ħin bdejt nibża li hemm xi ħaġa veru ħażina. Imsomma, il-mara dakinhar kienet laqtet punishment ta jumejn ma tarax lit-tfal li m iniex se nikkummenta fuqu jiġifieri u għaddiet. Minn dakinhar imbagħad, ifhimni, ridt nagħmel xi ħaġa u għamilt 3 ijiem naħseb u nara x inhi l-aħjar triq li nirritalja u naġixxi fuq dan l-inċident. Ridt nagħmel xi ħaġa għax ma jistax ikun inħalliha għaddejja mingħajr ma nagħmel xejn. Wara 3 ijiem naħseb waħdi ddeċidejt li nitlob skuża. Tlabtu skuża lilu, ħa pjaċir biha, imbagħad xtaq li tiskuża ruħha l-mara wkoll u hi skużat ruħha wkoll u għaddiet hekk.*

Dwar dak li kien għaddej bejn l-imputat u bintu Michelle u dwar ir-relazzjoni tagħhom ma' l-imputat, Carmel Francalanza ddikjara li l-istess Michelle qaltlu: *li kien qed ikun abbużiv anke magħha, abbużiv fi kliem mhux xieraq u kliem li jwaqqa d-dinjità tal-mara jiġifieri. In the meantime aħna, qed naraw dawn l-affarijiet però aħna ma konniex nitkellmu jiġifieri jekk inbatu aħna ma jimpurtax imma ma ridniex li ninfluwenzaw lilha jew inġelldu aħna. Jiġifieri aħna bqajna nissaportu sakemm jiġri xi ħaġa. In the meantime dan baqa jsir qisu iktar dominanti fuq kulħadd u r-relazzjoni magħna marret lura ħafna jiġifieri jkellimna mill-inqas, dan kien jiġi kuljum id-dar minħabba l-ħamiem u li jidħol ġo darek u ma jkellmekx għalina kienet xi ħaġa li qed tikkreja tensjoni fid-dar għax jekk nitkellmu quddiemu u jismagħna, jaħseb li qed ngħidu kontrih allura kien hemm tensjoni kbira fid-dar li kkaġunat il-biża speċjalment wara dak l-inċident meta kien għamel għalina. Aħna dejjem irrispettajnieh bħala t-tifel tagħna u tajnieh għajnuna milli stajna jiġifieri kemm fiżikament għinieh kemm stajna meta kellhom il-ħanut u ġarrejna minn post għall-iehor, għaddejtlu d-dawl u għamiltlu xi ilma, finanzjarjament konna ngħinuh ukoll għax daqqa konna nixtru xi ħaġa jiġifieri €20 l hawn u €50 l hemm, meta fi żmien il-ħanut sellifnielhom €2,000 imbagħad iktar tard għidnielhom ħalluhom. Meta mbagħad żarma mill-ħanut kellu xi stock u tfajnieh fil-garaxx, mhux tagħna għax aħna nikruh mingħand in-nies, u okkupajna ġemb u wara mill-garaxx u l-karozzi ma ndaħluhomx sew jiġifieri aħna għamilna affarijiet minn qalbna biex ngħinu. L-ikbar waħda ovvjament kienet il-gallinar. Ifhimni għandna bejt sabiħ u kbir u tokkupah bi 12-il pied gallinar, b gaġġa mbagħad wara ta 4 piedi u gaġġa oħra fuq wara jiġifieri għamilna minn kollox biex inżommu kemm jista jkun il-ħbiberija u l-ambjent sabiħ. Però kien qed jirriżulta li kien qed ipattihulna b mod ieħor billi ma jkellimniex u billi jittrattana mhux tajjeb ħafna. Iktar tard insir naf, il-kelma naqra iebsa u ħa ngħidha bil-pulit, li ma jniżżilniex lilna imma l-kelma li ħarġet mingħand it-tifla kienet agħar milli għidt jien. Jiġifieri jiena għadni ma nistax nifhem kif ġara hekk. Imbagħad l-aħħar każ kien ġurnata qabel ma sar ir-rapport fejn it-tifla kellhom appuntament għall-injections tat-tfal, dan kien għadu fuq il-bejt, it-tfal bdew jibku għax kien sar il-ħin u t-tifla qaltlu biex imur ħalli jtihom il-bottle għax aħna ma stajniex ngħinuha u mid-dehra msomma niżel u ma kienx ħa pjaċir għax kien għad fadallu l-ħin fuq il-bejt u finalment spiċċaw ma marrux għall-injection. Imbagħad it-tifla speċi finalment fl-aħħar qaltilna jiena xbajt, ma jistax ikun nibqa ngħix hekk, araw x se tagħmlu u teħilsuni minn din is-sitwazzjoni. Imbagħad, eventwalment, l-għada sar ir-rapport. … Il-moħqrija tat-tifla u tat-tfal tagħha. It-tifla jiġifieri li din qed tara lit-tfal tagħha jibku, għandha l-għajnuna 2 metri l-bogħod u ma tistax teħodha.*

Mistoqsi qattx ipprova jindirizza s-sitwazzjoni, Carmel Francalanza wieġeb: *aħna ġieli kien ikollna xi argument, argument zgħir fuq ċuċati però wieħed jieħu għalih u hekk u finalment hekk konna nispiċċaw li ejja mmorru flimkien għall-għajnuna jiena u Roderick. Għażel lil min trid u mmorru ma min trid imma għandna bżonn l-għajnuna u nitkellmu ħalli l-affarijiet nirranġawhom. Jiġifieri din mhux l-ewwel darba li għidtielu imma għidtielu kemm-il darba. Però hu kien jgħidilha, għax lili ma kienx jgħidli, jekk irid imur missierek għax jiena m għandi bżonn xejn u dawk l-affarijiet u bqajna hekk jiġifieri. Però jiena kont niddejjaq inkellmu għax mill-ħarsa ta wiċċu u bil-mod kif kien jaġixxi, ma konniex se naslu. ... aħna konna inkunu nice dejjem kemm jista jkun. Hu mprevedibbli jiġifieri drabi qed ikellmek, drabi oħra jkun irrabjat, forsi mix-xogħol tiegħi għaliex huwa xogħol impenjattiv u ta stress, u jiġifieri jkun hemm mumenti fejn litteralment ma jkellmekx jiġifieri daħal minn barra, tela fuq il-bejt, ġieli nitla jien nara jekk iridx bela kafè u inkellmu naqra fuq il-futbol u fuq il-ħamiem għax fuq dawk l-affarijiet konna nitkellmu l-iktar, jekk narah qed ikompli nagħmel kwarta oħra u jekk narah bla kliem nerġa ninżel l-isfel. Hu kien jiġi kuljum minħabba l-ħamiem. Ġieli kienu jiġu flimkien għax xi darbtejn jew 3 darbiet fil-ġimgħa kienu jiġu bit-tfal u joqogħdu naqra hemmhekk. It-tfal ovvjament kienu jintefgħu fil-kamra mat-tifla, kien hemm affarijiet mhux sbieħ meta lit-tifla kien jgħidilha biex titla ħdejh fuq il-bejt biex tgħinu jiknes u t-tfal kienu jibqgħu fil-kamra u l-kamra kienet tissakkar u jieħu ċ-ċavetta miegħu.*

In kontro-eżami[22] Carmel Francalanza saħaq li l-iktar li sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tiegħu u ta' martu fil-konfront ta' l-imputat kien minħabba binthom li skontu *talbitna bil-ħniena li ma tistax tgħix iktar mar-ragel tagħha*. Fir-rigward l-imputazzjonijiet diretti fil-konfront ta' l-imputat għal dak li jirrigwarda lilhom, qal li dawn kienu affarijiet addizzjonali. Iddikjara wkoll li l-inċident li jikkonsidra bħala l-ikbar wieħed kien meta l-imputat kellu xi jgħid miegħu u ma' martu meta din ta' l-aħħar ma reditx tmur tara t-tfal, ossia f'dik l-okkażjoni meta l-imputat u martu kienu fuq il-bejt u t-trabi baqgħu magħluqa fil-kamra. Carmel Francalanza ikkonferma ukoll li r-relazzjoni tiegħu ma' l-imputat minn dejjem qatt ma kienet waħda tajba u jisħaq li fl-opinjoni tiegħu bintu kienet kompletament *brainwashed* mill-imputat fil-konfront tagħhom. In effetti muri screen shots ta' messaġġi bejnu u bintu - Dok. "EP1" u Dok. "EP2" a fol. 196 u 197 tal-proċess - Francalanza jinsisti li skontu dawn kienet tibgħatlhom fuq indikazzjoni u direzzjoni ta' l-imputat. Anke meta kienet tgħidilhom biex ma jagħmlux ċerta affarijiet, huwa konvint li dan kien fuq direzzjoni ta' l-imputat.

Mistoqsi dwar il-fastidju da parte ta' l-imputat, Carmel Francalanza iddikjara: *inti fastidju toħolqu mhux biss għax titkellem imma anke jekk ma titkellimx. Mela inti tidħol kuljum ġo dar ħaddiehor, tidħol, dħalt fil-kċina, ma tkellem lil ħadd, iddur dawra, tiftaħ il-fridge, tagħmel bela tè u titla fuq. Dak mhux fastidju? M intix tkellimni, dħalt ġo dari biċ-ċavetta fi x' ħin trid u jiena ma nistax nitkellem xi ħaġa. Dak wieħed miż-żgħar ta jiġifieri*. In ri-eżami dwar dan l-allegat fastidju da parte ta' l-imputat, Carmel Francalanza ddikjara: *f kelma waħda, id-dominju għax kien qed jissuperana kollha ġo darna. Jiġifieri jiġi minn barra għal xi barbecue, lil min irid hu u għandi t-tifla l-oħra ma tistax tiġi u kien jiddetta kollox hu. Jiġifieri lanqas jiena, kont se nagħmel barbecue ma sieħbi u mal-mara tiegħu, ma stajtx nagħmlu*

[22] Seduta tat-3 ta' Mejju 2021, fol. 183 sa' 195 tal-proċess.

*għax bi skuża tal-ħamiem għaliex intellifhomlu jekk ikunu għadhom ma ġewx mit-titjira. … It-tifla kienet tgħix f post ieħor u kienet issib diffikultà biex tiġi għax kien jimponi through t-tifla l-oħra, jiġifieri martu, biex ma tiġix bl-iskuża tal-Covid dejjem jiġifieri lanqas konna nistgħu narawha aħna lit-tifla u ridna noħorġu aħna barra biex niltaqgħu magħha u tiġi ġod-dar tagħna ma tistax.*

Mill-kontro-eżami ulterjuri rriżulta li Carmel Francalanza kien qed isofri fastidju mill-imputat minħabba l-ħamiem u anke minħabba l-mod kif kien iġib ruħu lejhom, Fir-rigward xehed: *il-fastidju aċċettajnieh aħna in the first place biex nagħmluh kuntent. … Però jiena ma kontx qed naħseb illi dan se jikkaġunali li jien lanqas nista nitla fuq il-bejt meta rrid lanqas. … Jien ġo dari u kien jikkmanda hu. Anke il-fatt illi jiena ma nistax nidħol ġo kamra tiegħi stess fejn hemm it-tfal, ma nistax nidħol f dik il-kamra. Dik il-kamra t-territorju mhijiex tiegħi. … L-ewwel baqgħu jgħixu għandna għal xi xahrejn jew xahrejn u nofs imbagħad marru fid-dar tagħhom. … Hu kien jiġi kuljum u hi kienet tiġi xi 4 jew 5 darbiet fil-ġimgħa u kienet tiġi miegħu bit-tfal biex tkun tista tgħinu u tkun qiegħda hemmhekk. … Dan kellu u għadu għandna, nieħu ħsiebu jiena issa, żebru żgħir, kien mit-twelid hawn u kienu jżoqquh u jagħmlu, darba ħareġ il-barra, mar jixtri, dan iż-żebru kien f din il-famuża kamra u l-bieb issakkar biex jiena ma narax liż-żebru. … Ħassejtni umiljat.*

Il-Qorti ċċitat *in extenso* x-xhieda tat-tlett allegati vittimi, ossia ta' Michelle Attard, Simone Francalanza u Carmel Francalanza, għar-raġuni li dawn it-testimonjanzi huma fondamentali partikolarment għall-finijiet ta' l-ewwel żewġ imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat talli nhar it-2 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) ikkaġuna lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal tiegħu Jake u Amy, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-presenza ta' l-imsemmija minuri; u (2) ikkaġuna lill-ġenituri tal-mara tiegħu u cioè Carmel Francalanza u Simone Francalanza, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u dan waqt li kien qed jgħix magħhom.

Dawn iż-żewġ imputazzjonijiet huma kjarament ibbażati fuq ir-reat tal-fastidju previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, biż-żieda ta' l-aggravanti previsti fl-Artikoli 251H u 251HA tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jennifer Catania, Appell Krim. Nru. 351/17** deċiża fit-30 ta' Ottubru 2018, l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta *huwa meħud kważi kelma b'kelma mill-liġi "Protection From Harassment Act 1997". Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej: The Act describes itself as one "to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct". It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person*

*including alarming the person or causing the person distress. In "Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and Anor, The Times" Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in "Thomas vs News Group Newspaper Ltd and Anor", it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm and distress and which was oppressive and unreasonable. Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it's that they could be described as 'a course of conduct': Lau v. DPP. In "Pratt vs DPP" it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased round the house, swearing and repeatedly questioning her were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to sue or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her. The test under section 1(2) is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offender.*

Meta dawn l-osservazzjonijiet dwar l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta **u** dwar l-interpretazzjoni u applikazzjoni tal-provvediment fil-Prevention From Harassment Act, 1997, li minnu ġie ispirat - anzi meħud kelma b'kelma - l-imsemmi artikolu tal-Liġi, jiġu kkunsidrati bir-reqqa, il-Qorti tqis li l-aġir ta' l-imputat fil-konfront ta' martu Michelle Attard ma jaqax entro l-parametri tal-fastidju kif kontemplat u previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Lanqas in verità ma jaqa' entro tali parametri l-komportament u aġir ta' l-imputat fil-konfront tal-kunjati tiegħu Simone u Carmel Francalanza.

Għall-fini li jiġi evitat kull malintiż u misinterpretazzjoni ta' dak li se jiġi osservat iktar 'l quddiem f'din is-sentenza, il-Qorti tagħmilha ċara li ma hijiex qed tiġġustifika jew tqis bħala aċċettabbli l-aġir ta' l-imputat fil-konfront ta' martu Michelle Attard u lanqas ma hija qed tiġġustifika jew tqis bhala raġonevoli l-aġir ta' l-imputat fil-konfront tal-kunjati tiegħu Simone u Carmel Francalanza.

Fil-fehma tal-Qorti l-komportament ta' l-imputat partikolarment fil-konfront ta' martu Michelle Attard jikkostitwixxi vjolenza domestika kif previst fl-Att dwar il-Vjolenza a Bażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika, Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta. In effetti l-Artikolu 2 tal-Kap.581 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *'vjolenza domestika' tfisser kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikolġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att jew ommissjoni, sfurzar jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew*

*kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma jew le, u għandha tinkludi wkoll tfal li jkunu xhud ta' vjolenza fi ħdan il-familja jew unità domestika.*

Il-komportament ta' l-imputat versu martu huwa totalment inaċċettabbli u ta' min wieħed jistmerru. L-ebda persuna f'koppja ma għandha tittratta lill-parti l-oħra bil-mod kif għamel l-imputat fil-konfront ta' martu. L-ebda mara, wisq inqas mara li għadha kemm għaddiet mit-twelid ta' tewmin u għaddejja bit-trobbija tagħhom - u biex tkompli żżid tkun ukoll qed taħdem fl-istess ħin - ma għandha tiġi abbandunata bil-mod kif l-imputat effettivament abbanduna lill-martu bl-idejat retrogradi tiegħu. Għalkemm l-imputat seta' kien qiegħed hemm fiżikament - ħaġa li lanqas tant jidher li kien qiegħed għaliex jew kien ikun ix-xogħol jew inkella jieħu ħsieb il-ħamiem - bl-għażla tiegħu li jiżola lil martu minn kulħadd u minn kull tip u forma ta' għajnuna jew sfogg, huwa ġie li pratikament abbandunaha għal rieħa u ippretenda li taqdef għal rasha. L-imputat naqas milli jifhem xi tfisser tkun ir-raġel ta' mara u għalkollox naqas milli jifhem xi tfisser tkun missier. Il-bżulija u l-flus ma humiex kollox, anzi f'ċerti mumenti tal-ħajja, bħalma huma l-ewwel xhur tal-ħajja ta' wild, u iktar u iktar ta' tewmin, dawn kważi kważi ma jfissru xejn għaliex il-persuna li tkun kostantement qed tieħu ħsieb it-trabi - li f'dan il-każ kienet esklussivament Michelle Attard - l-iktar ħaġa li jkollha bżonn hija għajnuna, konfort u sapport u mhux issib ħajt insormontabbli quddiemha li qed jaqtagħha minn kollox u minn kulħadd. L-imputat ma kienx hemm għall-martu fl-affarijiet li verament kellha bżonn mingħandu. It-tisjir u xi affarijiet oħra li jsiru ġod-dar lanqas jibdew ma' dak li Michelle Attard verament kellha bżonn, anzi li kellha kull dritt teżiġi mingħand żewġha. L-ulied huma tal-koppja u mhux ta' komponent wieħed biss tal-koppja u għaldaqstant l-isbuħija totali tat-tfal iżda anke s-sagrifiċċi u x-xogħol kbir involut fit-trobbija tagħhom għandhom jiġu esperjenzati u jinġarru mill-koppja u mhux minn wieħed minnhom biss. L-ulied huma wlied fit-tajjeb u fil-ħażin u l-ebda komponent tal-koppja ma jista' jagħżel li jħaddan aspett wieħed iżda mhux l-ieħor ukoll, u per di più a detriment, kemm fiżiku kif ukoll psikoloġiku, tal-persuna l-oħra li tifforma l-koppja.

Din il-Qorti kellha l-opportunità mhux biss tisma' lil Michelle Attard tixhed iżda li taraha u tara l-komportament tagħha hi u tixhed u kull ma rat il-Qorti quddiemha kienet mara distrutta u ddisprata għaliex il-persuna li suppost l-iktar li jħobbha, lilha u lill-uliedha, abbandunaha kompletament sempliċement biex juri lil kulħadd - u iktar u iktar lill-ġenituri tagħha - li huwa seta' jirnexxi u jrabbi lil wliedhom mingħajr l-għajuna ta' ħadd, partikolarment tagħhom.

Għalkemm l-imputat ipprova jiġġustifika l-komportament tiegħu, il-Qorti tqis li l-iskużi miġjuba minnu ma kienu xejn għajr appuntu skużi fiergħa li bl-ebda mod ma jiġġustifikaw il-mod kif ġab ruħu ma' martu.

L-imputat irribatta għal dak kollu affermat minn Michelle Attard u anke minn Simone u Carmel Francalanza bl-iskuża li meta kien żgħir huwa kien jibża' ħafna mill-mard u kien il-ħin kollu jaħsel idejh. Frankament il-Qorti ssibha diffiċli ħafna temmen li din hija l-vera raġuni għalfejn l-imputat għamel li għamel, partikolarment fil-konfront ta' martu, u dana għal żewġ raġunijiet fundamentali: (i) fl-ewwel lok persuna li tqis lilha nnifisha OCD daqs kemm tibża' mill-mard, diffiċilment ser biex tiġbor kull annimal li ssib jiġri fit-triq u trabbi l-ħamiem, prattiċi u deliżji dawn li neċessarjament jinvolvu kuntatt ma' sitwazzjonijiet mhux iġeniċi w addirittura mard

li l-annimal jista' jkollu; u (ii) fit-tieni lok, din il-biża' mill-mard ma ssemmiet fl-ebda ħin lill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler li kien inkarigat iħejji Social Inquiry Report fuq l-imputat. Mis-Social Inquiry Report jirriżulta li l-imputat u l-familjari tiegħu, ossia ommu u missieru, infurmaw lill-Uffiċjal tal-Probation li meta kien żgħir l-imputat kien ibagħti bl-epilessija, li meta kien is-sekondarja kien vittma ta' *bullying* u b'hekk kellu problemi fl-istonku, li illum għandu xi problemi f'daharu minħabba x-xogħol, u li jbati bl-ansjetà, iżda stranament ħadd minnhom ma għamel referenza għal din l-allegata biża' kbira mill-mard. Fattur ieħor li jikkuntrasta mal-komportament ta' l-imputat, ossia li jaqta' lill-martu mill-għajnuna tal-familjari u jaqta' l-familjari 'l barra għal kollox minhabba l-biża tal-COVID, huwa li minkejja l-imxija tal-COVID, l-imputat ma ħasibhiex darbtejn biex jissuġerixxi li martu ssib l-għajnuna mingħand baby sitter, li fl-aħħar mill-aħħar hija persuna estraneja u mhux fin-nukleju familjari fuq liema fil-verità jista' jkun hemm iktar serħan tal-moħħ li dak li jkun isegwi prattiċi tajba biex ma jittrasmettix mard lil ħaddieħor.

Dawn huma kontradizzjonijiet kbar li assolument ma jagħtu l-ebda suffraġju lill-komportament ta' l-imputat fil-konfront ta' martu, kontradizzjonijiet li jiżdiedu meta l-imputat stess jgħid li hu u martu ġieli ħarġu mal-ħbieb u anke marru Marsaxlokk, li huwa post rinomat ħafna man-nies u pratikament dejjem iffullat, għaliex is-sitwazzjoni ta' l-imxija tal-COVID kienet tjiebet kemm kemm, iżda fl-istess żmien xorta baqa' jinsisti li martu tibqa' maqtugħa minn kulħadd u minn tip ta' għajnuna familjari.

L-imputat jirribatti dak affermat minn Michelle Attard, ossia li ma kienx jagħtiha għajnuna u sapport fir-rigward tat-trabi, billi jikkontendi li meta twieldu t-tewmin huwa kien ħa tlett ġimgħat leave biex joqgħod magħha u mat-tfal. Filwaqt li l-Qorti tqis li jekk dan huwa hekk, l-imputat għamel sew, xorta tqis li dan ma huwiex biżżejjed u bl-ebda mod ma jiġġustifika l-fatt li martu kellha bżonn l-għajnuna kollha li setgħet tieħu u hu ċaħħadha minnha bl-iktar mod assolut. Bl-istess mod, ir-ritratti esebiti mill-imputat biex jirribatti l-affermazzjonijiet ta' Michelle Attard li huwa minn dejjem kien possessiv u li s-sitwazzjoni marret għall-agħar minn meta inqabdet tqil u partikolarment mit-twelid tat-twemin 'l quddiem, ma jagħmlux wisq biex jikkontradiċu dak minnha affermat. Il-maġġorparti tar-ritratti jirreferu għal perijodi ferm qabel ma Michelle Attard inqabdet tqila u twieldu t-tfal u l-messaġġ minnha mibgħut lill-imputat fit-2 ta' Awwissu 2020 - Dok. "RA13" - juri biċ-ċar kemm hija kellha bżonnu ħdejha dak il-ħin, ossia wara d-9:00p.m., iżda huwa ma kienx hemm. Apparte minnhekk, żewġ ritratti meħuda minnhom bħala koppja flimkien ma uliedhom ċertament ma humiex biżżejjed biex ixejnu dak kollu affermat minn Michelle Attard, affermazzjonijiet li huma bil-wisq iktar kredibbli mix-xhieda u konsegwenti verżjoni tal-fatti mogħtija mill-imputat.

Magħmula dawn il-konsiderazzjoni l-Qorti ser tgħaddi biex tittratta l-osservazzjoni tagħha għalfejn l-aġir ta' l-imputat, għad illi bla dubju ta' xejn jikkostitwixxi vjolenza domestika, ma jistax jitqies bħala fastidju u b'hekk sanzjonabbli a tenur ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-komportament ta' l-imputat huwa kjarament dak li fis-sistema legali Ingliża huwa magħruf bħala *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship,* komportament dan li filwaqt li huwa ħażin, anzi in verità kriminali, ma

jaqax però taħt il-parametri tal-fastidju. Il-kunċett ta' *harassment* kif intiż ukoll fil-Prevention From Harassment Act, 1997, liema Att huwa l-fonti ta' l-Artikolu 251A *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, jittratta dwar tip ta' aġir kompletament differenti minn aġir li huwa *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship*. Din l-osservazzjoni ssib sostenn f'dak osservat fid-deċiżjoni **Thomas v. News Group Newspaper Ltd and Anor**[23] u fid-deċiżjoni **Pratt v. DPP**[24], entrambe ċitati fis-sentenza **Il-Pulizija v. Catania**, fejn ġiet trattata proprio *the nature of harassment*.

Fid-deċiżjoni **Thomas v. News Group Newspaper Ltd and Anor**, il-Qorti osservat illi *Section 7 of the 1997 Act does not purport to provide a comprehensive definition of harassment. There are many actions that foreseeably alarm or cause a person distress that could not possibly be described as harassment. It seems to me that section 7 is dealing with that element of the offence which is constituted by the effect of the conduct rather than with the types of conduct that produce that effect. The Act does not attempt to define the type of conduct that is capable of constituting harassment. "Harassment" is, however, a word which has a meaning which is generally understood. It describes conduct targeted at an individual which is calculated to produce consequences described in section 7 and which is oppressive and unreasonable. The practice of stalking is a prime example of such conduct.*

Fid-deċiżjoni **Pratt v. DPP**, il-Qorti għamlet referenza għad-deċiżjoni "R v. Hills" u fir-rigward osservat illi: *the Court referred to the passage in Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, which was current at that time, which read as follows: "The Act describes itself as one "to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct". It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of "stalking". There is, however, no attempt at a definition of harassment, although Section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. It is obvious, therefore, that the Act may be used to prosecute a range of persons apart from those commonly referred to as "stalkers". The Court considered that this provided a useful background against which to determine how the phrase "a course of conduct" which is the essence of the offence, should be construed and applied in relation to the facts of the particular case. It concluded that, on the papers as originally presented to the court, the assaults appeared to be linked rather than constituting separate and isolated incidents. But when the complainant gave evidence, she was vague as to dates, and under cross-examination her accounts of various incidents of violence were irreconcilable with her previous evidence. Accordingly, the Court came to the conclusion that properly considered in the context of the provisions of this Act, the two incidents of violence were in fact two separate incidents of violence and that there was no appropriate or sensible causal connection which could justify the conclusion that they were connected so as to amount to a course of conduct. At paragraph 31, Otton LJ said this: "It is to be borne in mind that the state of affairs which was relied upon by the prosecution was miles away from the "stalking" type of offence for which the 1997 Act was intended. That is not to say that it is never appropriate so to charge a person who is making a nuisance of himself to his*

[23] [2001] EWCA Civ 1233; [2002] EMLR 78.
[24] [2001] EWHC Admin 483.

*partner or wife when they have become estranged. However, in a situation such as this, when they are frequently coming back together and intercourse was taking place (apparently a video was taken of them having intercourse) it is unrealistic to think that this fell within the stalking category which either postulates a stranger or an estranged spouse. That was not the situation when the course of conduct relied upon was committed.*

Dak li din il-Qorti qed tgħid huwa li filwaqt li l-aġir ta' l-imputat - li jiġi ribit huwa *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship* - huwa fil-fehma tagħha aġir punibbli kriminalment, ma huwiex però u ma jistax jitqies bħala aġir li jaqa' taħt l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement ma jistax jiġi sanzjonat u punit skond it-termini hemm previsti. Hawn il-Qorti tagħmel referenza għad-Dibattiti Parlamentari fejn kienet qed tiġi diskussa *inter alia* l-introduzzjoni ta' l-Artikolu 251A fil-Kodiċi Kriminali, li minnhom joħroġ b'mod ċar it-tip ta' aġir intiż li jaqa' taħt l-effetti u s-sanzjoni ta' dan il-provvediment tal-Liġi.

Fid-Dibattitu li seħħ fit-13 ta' Ġunju 2005, ingħad: *nixtieq ukoll nagħmel suġġeriment ieħor lil-leġiżlatur ta' dan l-abbozz ta' liġi sabiex jagħti elenku indikattiv ta' dak li qed nifhmu b'fastidju, kif fil-fatt hemm fil-liġi Ingliża. L-Ingliżi għaddew liġi fuq l-istalking fl-1997, fejn l-ewwel kien għadda bħala private member's bill fl-1996 u mbagħad Michael Howard kien għaddiha bħala liġi fl-1997. U l-liġi Ingliża tagħti lista ta' attivitajiet li jistgħu jitqiesu bħala fastidju. Għandek per eżempju: "following, loitering near, watching or approaching another person, telephoning or contacting another person by any means, interfering with property of which one is not the owner when such is in the possession of another, leaving offensive, unwarranted or unsolicited material at a place where another lives, works, or regularly visits". Imbagħad għandek l-umbrella clause. "Doing any other act or acting in connection with another person which is reasonably likely to cause a person to feel harassed, alarmed, distressed..." Mela l-liġi Ingliża tat elenku indikattiv ta' x'jista' jammonta għal fastidju mingħajr ma xekklet lill-ġudikant għaliex għamlitlu l-umbrella clause li kopriet kollox. Għalhekk naħseb li dan huwa suġġeriment tajjeb li għandna nieħdu spunt minnu.*

Apparte minn hekk il-Qorti tosserva wkoll li proprio minħabba l-fatt li *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship* ma setax jiġi kriminalment proċessat taħt ir-reat ta' *harassment* previst fil-Prevention From Harassment Act, 1997, l-att li a bażi tiegħu ġie introdott ir-reat ta' fastidju fil-Liġi tagħna, li fis-sistema Kriminali Ingliża ddaħħal reat *ad hoc*, ossia appuntu r-reat ta' *controlling and coercive behaviour in an intimate or family relationship.*

Fil-*Controlling or Coercive Behaviour in an Intimate or Family Relationship, Statutory Guidance Framework*, pubblikata mill-Home Office f'Diċembru 2015, hemm provdut is-segwenti: *The Serious Crime Act 2015 (the 2015 Act) received royal assent on 3 March 2015. The Act creates a new offence of controlling or coercive behaviour in intimate or familial relationships (section 76). The new offence closes a gap in the law around patterns of controlling or coercive behaviour in an ongoing relationship between intimate partners or family members. ... This offence is constituted by behaviour on the part of the perpetrator which takes place repeatedly or continuously". The victim and alleged perpetrator must be*

*personally connected" at the time the behaviour takes place. The behaviour must have had a serious effect" on the victim, meaning that it has caused the victim to fear violence will be used against them on at least two occasions", or it has had a substantial adverse effect on the victim's day to day activities". The alleged perpetrator must have known that their behaviour would have a serious effect on the victim, or the behaviour must have been such that he or she ought to have known" it would have that effect. ... The offence closes a gap in the law around patterns of controlling or coercive behaviour that occurs during a relationship between intimate partners, former partners who still live together or family members. This offence sends a clear message that this form of domestic abuse can constitute a serious offence particularly in light of the violation of trust it represents and will provide better protection to victims experiencing repeated or continuous abuse. It sets out the importance of recognising the harm caused by coercion or control, the cumulative impact on the victim and that a repeated pattern of abuse can be more injurious and harmful than a single incident of violence. ... Controlling or coercive behaviour does not relate to a single incident, it is a purposeful pattern of behaviour which takes place over time in order for one individual to exert power, control or coercion over another. This new offence focuses responsibility and accountability on the perpetrator who has chosen to carry out these behaviours. The cross-Government definition of domestic violence and abuse outlines controlling or coercive behaviour as follows: Controlling behaviour is: a range of acts designed to make a person subordinate and/or dependent by isolating them from sources of support, exploiting their resources and capacities for personal gain, depriving them of the means needed for independence, resistance and escape and regulating their everyday behaviour. Coercive behaviour is: a continuing act or a pattern of acts of assault, threats, humiliation and intimidation or other abuse that is used to harm, punish, or frighten their victim." ... The types of behaviour associated with coercion or control may or may not constitute a criminal offence in their own right. It is important to remember that the presence of controlling or coercive behaviour does not mean that no other offence has been committed or cannot be charged. However, the perpetrator may limit space for action and exhibit a story of ownership and entitlement over the victim. Such behaviours might include: isolating a person from their friends and family; depriving them of their basic needs; monitoring their time; monitoring a person via online communication tools or using spyware; taking control over aspects of their everyday life, such as where they can go, who they can see, what to wear and when they can sleep; depriving them of access to support services, such as specialist support or medical services; repeatedly putting them down such as telling them they are worthless; enforcing rules and activity which humiliate, degrade or dehumanise the victim; forcing the victim to take part in criminal activity such as shoplifting, neglect or abuse of children to encourage self-blame and prevent disclosure to authorities; financial abuse including control of finances, such as only allowing a person a punitive allowance; threats to hurt or kill; threats to a child; threats to reveal or publish private information (e.g. threatening to out someone); assault; criminal damage (such as destruction of household goods); rape; preventing a person from having access to transport or from working. This is not an exhaustive list. For the offence to apply: The controlling or coercive behaviour must take place repeatedly or continuously". ... The pattern of behaviour has to have a serious effect" on the victim. ... The behaviour must be such that the perpetrator knows or ought to know" that it will*

*have a serious effect on the victim. ... The perpetrator and victim have to be personally connected when the incidents took place. ... Stalking and Harassment. Case law suggests that the current law on stalking and harassment does not apply to controlling or coercive behaviour that takes place in an ongoing intimate relationship. The offence of controlling or coercive behaviour closes this gap in the law as it can take place in an ongoing relationship. The police should draw on their experience of evidencing an offence committed over a period of time in order to prove stalking or harassment offences. The status of the relationship at the time the offence took place should help determine which offence applies. There may be cases where the victim and perpetrator are no longer living together or in a relationship, and the perpetrator is still attempting to exert control over the victim, for example, by stalking or monitoring the victim, or threatening or intimidating them. In such cases stalking and harassment legislation should be used.*

Il-Qorti hi fil-fatt tal-fehma li l-aġir ta' l-imputat verso martu Michelle Attard iktar jaqa' taħt ir-reat previst fl-Artikolu 251 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi li *kull min juża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abiltajiet tal-persuna jew jiżola tali persuna jew jillimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-aħħar artikolu qabel dan*, milli taħt l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jittratta dwar ir-reat ta' fastidju. Madanakollu però peress illi l-Qorti hija marbuta li ssib ħtija o meno fl-imputat għall-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, in kwantu l-imputat bl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih qed jiġi akkużat bir-reat ta' fastidju fil-konfront ta' martu u omm uliedu ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, Hija ma għandhiex triq oħra għajr li ma ssibx lill-imputat ħati ta' l-ewwel imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

L-imputat qed jiġi akkużat bir-reat ta' fastidju anke fil-konfront ta' Simone u Carmel Francalanza iżda anke hawn, il-Qorti ma tqisx li l-aġir ta' l-imputat fil-konfront tagħhom - għad illi mhux raġonevoli - jikkostitwixxi r-reat ta' fastidju. Il-fatt li l-imputat kien ma jkellimhomx, ma jagħtihomx wiċċ, ma jħallihomx jaraw u/jew jerfgħu lit-tfal jew kien jagħtihom ħin qasir allokat minnu biex jaraw lit-tfal, ma kienx iħallihom jgħinu lil binthom Michelle Attard, kien jikkontrolla min u kif fid-dar tagħhom (ossia tal-konjugi Francalanza), għabbihom bil-gallinar tal-ħamiem fuq il-bejt, jidħol u joħroġ mid-dar tagħhom *a piacere* anke meta ma baqax jabita hemm, huwa ċertament tad-dwejjaq u ta' inkonvenjent kbir u mhux raġonevoli iżda ma jistax u ma għandux jitqies bħala fastidju kif intiż fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fis-sentenza **Curtis v. Regina** saret referenza għad-deċiżjoni "Majrowski v. Guy's and St. Thomas' NHS Trust, fejn fiha ingħad *the purposes of this statute* (Prevention from Harassment Act, 1997) *is to protect victims of harassment, whatever form the harassment takes, wherever it occurs and whatever its motivation. The Act seeks to provide protection against stalkers, racial abusers, disruptive neighbours, bullying at work and so forth. ... Courts are well able to separate the wheat from the chaff at an early stage of the proceedings. They should be astute to do so. In most cases Courts should have little difficulty in applying the "close connection" test. Where the*

*claim meets the requirements, and the quality of the conduct said to constitute harassment is being examined, courts will have in mind that irritations, annoyances, even a measure of upset, arise at times in everybody's day-to-day dealings with other people. Courts are well able to recognise the boundary between conduct which is unattractive, even unreasonable, and conduct which is oppressive and unacceptable. To cross the boundary from the regrettable to the unacceptable the gravity of the misconduct must be of an order which would sustain criminal liability under section 2.*

Mix-xhieda kemm ta' Carmel Francalanza kif ukoll ta' Simone Francalanza jidher ċar li huma kienu urtati bil-mod kif l-imputat kien jistma' lil binthom u lilhom. Kienu ddispjaċuti ferm li ma kienx iħallihom jgħinuhom bit-trabi fejn kien ikun hemm bżonn u ħtieġa, kienu rritati bil-mod liberu li bih kien jidħol u joħroġ mid-dar tagħhom u kif kien jidħol biss min u kif jgħid hu u l-kontroll totali li kien jipprova jeżerċita fuqhom u anke kienu mdejqa bl-inbgombru tal-gallinar fuq il-bejt. Iżda dawn il-fatturi kollha xorta waħda ma jammontawx għall-fastidju kif previst fl-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'mod partikolari fejn jidħol il-gallinar tal-ħamiem, u dana billi in kontro-eżami Carmel Francalanza qal li kien iffastidjat b'dan il-gallinar, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Grazio Falzon**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Ottubru 2019, fejn tramite referenza għas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Denise Falzon", deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-29 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti wara li enunċjat il-prinċipji regolaturi ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, osservat - dejjem tramite ta' l-imsemmija deċiżjoni Il-Pulizija v. Denise Falzon - *illi jidher allura li t-test li għandu jigi adoperat biex jigi stabblit jekk hemmx fastidju illecitu o meno huwa billi jigi applikat it-test oggettiv iktar milli dak soggettiv filwaqt però li jittieħed qies tal-fattispeci kollha tal-kaz u l-assjem taċ-cirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa. Illi f każ konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta saħħqet: L-azzjoni tal-appellant, tista tkun eżaminata mill-ottika tal-inkonvenjent iżda ċertament mhix minn dik tal-fastidju li f dan il-każ kienet tirrikjedi prova ta żamma ta annimali f tali stat li b intenzjoni kriminuża ried joħloq sitwazzjoni ta fastidju bl-iskop li jivvessa speċifikatament lill-ġirien u anke bi skop." Fil-każ hawn skrutinat jemerġi illi l-azzjoni tal-appellant fiż-żamma tal-annimali tiegħu qed toħloq inkonvenjent għal diversi ġirien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jgħidu għaliex jaħsbu li l-appellant qiegħed bl-azzjoni tiegħu, johloq dan il-fastidju." (Il-Pulizija vs Raymond Spiteri App. Inf. 26/05/2016).*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li għalkemm l-aġir ta' l-imputat fil-konfront ta' Simone Francalanza u Carmel Francalanza mhux wieħed raġonevoli u f'loku, ma jistax jitqies bħala fastidju ai termini ta' l-Artikolu 251A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tielet imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar it-2 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess

dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (3) ikkaġuna lill-mara tiegħu u cioè Michelle Attard, li tiġi wkoll omm it-tfal Jake u Amy, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti jew dixxendenti tagħha u cioè ommha u missierha, Carmel u Simone Francalanza.

Din l-imputazzjoni hija kjarament ibbażata fuq dak affermat minn Michelle Attard fis-sens illi: *argument ieħor li kellna kien fuq il-flus u tlabtu biċ-ċar biex inkun naf kemm għandna flus fil-verità għax mhux kollox inkun naf u qalli ma rridx ngħidlek u aħjar ma tkunx taf għax inkella tonfoq kollox. Saħansitra, l-argument saħan, kien hemm frame u tah daqqa ta ras u kissru. Imbagħad l-argumenti ta wara eżempju jgħidli ieqaf għax ha nkisser xi ħaġa oħra jew kien jgħidli ħafna kliem li jiena m iniex kapaċi, ma nafx nimmeniġġja u ħafna kliem li jwaqqgħek ħazin. ... jiena tlabtu biex inkun naf eżatt il-qagħda finanzjarja tagħna u qalli li aħjar ma nkunx naf għaliex inkella nonfoq kollox. Imbagħad minn hemmhekk bqajt ninsisti u bir-rabja kisser frame fejn tah daqqa ta ras u kisser il-ħġieġ. Imbagħad xi ġranet wara erġajna tkellimna fuqha u qalli din id-darba kien il-frame u qalli ara darba oħra ma tmurx tkun fuqek. Ma nafx jekk forsi qallix biex nieqaf mill-argument jew verament qed ifissirha. Imma l-biża hemmhekk qiegħda. ... definitely kien jgħidhom dawn l-affarijiet li lanqas inkun nista nemmen li ċertu affarijiet ikunu vera ħerġin minn ħalqu. ... Inti lill-mara tiegħek ma tgħidilhiex ieqaf għax inkisser frame jew ieqaf għax nibda nkisser l-affarijiet li xtrajt jiena bis-saħħa tiegħi. ... Qalli li ommi u missieri żgur ma jidħlux hawnhekk id-dar tagħna biex jgħinuni u darba minnhom qalli filkas inwaqqfu kollox, qalli inkellmu avukat u nispiċċaw hawn imma qalli li t-tfal jeħodhomli hu u qalli jekk inkun naf li mort għand il-ġenituri tiegħi, noqtolhom.*

L-Artikolu 251(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li *kull min jikkawża lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), jeħel il-pieni preskritti fis-subartikolu (1) imnaqqsa bi grad wieħed jew tnejn: Iżda meta l-ħati jkun laħaq il-mira tiegħu, hu jista' jeħel il-piena stabbilita fis-subartikolu (2) imnaqqsa bi grad wieħed jew tnejn.*

L-element prinċipali tal-vjolenza domestika perpetrata mill-imputat fuq martu kien bla dubju ta' xejn wieħed ta' vjolenza psikoloġika iżda, lanqas ma naqas l-element tal-biża' tal-vjolenza fiżika kif imfisser fl-Artikolu 251(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li, bil-fatt li l-imputat kisser frame waqt argument li kellu ma' martu u bil-kliem imlissen minnu fil-konfront tagħha li *din id-darba kien il-frame .. ara darba oħra ma tmurx tkun fuqek ... ieqaf għax ha nkisser xi ħaġa oħra ... ieqaf għax nibda inkisser l-affarijiet li xtrajt jiena bis-saħħa tiegħi ... filkas inwaqqfu kollox, ... inkellmu avukat u nispiċċaw hawn ... it-tfal* [noħodhomlok] ... *jekk inkun naf li mort għand il-ġenituri* [tiegħek] *noqtolhom*, ħoloq f'Michelle Attard biża' reali li ser tintuża' vjolenza kontriha jew kontra l-ġenituri tagħha.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tat-tielet imputazzjoni deotta fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi akkużat ukoll talli nhar it-2 ta' Ottubru 2020 u fil-ġranet u/jew ġimgħat u/jew xhur ta' qabel ġewwa Birkirkara u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (4) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard, tagħmel xi ħaġa jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Din l-imputazzjoni hija bbażata fuq ir-reat ta' użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid kif previst fl-Artikolu 49 tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imsemmi provvediment tal-Liġi jipprovdi li: *kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika - (a) jhedded li jagħmel xi reat; jew (b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew (ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih, ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sitting euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat…*

L-uniku element li ħareġ mix-xhieda ta' Michelle Attard fir-rigward ta' din l-imputazzjoni hija t-tweġiba tagħha għall-mistoqsija dwar jekk kienx ikollha argumenti ma' l-imputat, ossia fejn qalet *eżempju dakinhar li ġġieled m'ommi u ma' missieri kien ċempilli u qalli kif niġi se niġġieled ġlieda m'ommok. Fuq it-telefon xorta jkomplu għaddejjin dawn l-argumenti aħna jiġifieri jista' jkun niġġieldu filgħaxija u l-għada nerġgħu naqbdu l-argument eżempju.* Fil-fehma tal-Qorti però tali xhieda ma tikkostitwixxix prova sodisfaċenti u wisq inqas 'l hinn minnu kull dubju raġonevoli li l-imputat huwa effettivament ħati ta' l-imputazzjoni hekk dedotta fil-konfront tiegħu.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat ma jistax u ma għandux jiġi misjub ħati tar-raba' imputazzjoni dedotta kontrih.

**Il-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat in fine qed jiġi akkużat ukoll tali bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li tarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil mara tiegħu u cioè Michelle Attard kontra l-volontà tagħha. L-imputat hawn qed jiġi akkużat bir-reat ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-Liġi, previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, aggravat ai termini ta' l-Artikolu 87(h) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *kull min, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-*

*privat li jarrest lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra il-volontà tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn seba' xhur sa' sentejn: Iżda, il-qorti tista', fil-każijiet ħfief, tagħti l-piena ta' priġunerija minn xahar sa' tliet xhur jew il-multa.*

Fir-rigward ta' l-elementi tar-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Omissis, Seydou Bandaogo, Att ta' l-Akkuża 8/18**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fis-26 ta' Jannar 2021, fejn il-Qorti ta' l-Appell osservat illi *l-Professur Sir Anthony Mamo (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p.40] meta jkun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jgħid:- the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous: each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty: "il reato preveduto nell'articolo 169 (our section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quel luogo ove si trova; sia quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro". (Roberti - Ibid, para 323). … Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in a place; or may be detained in his own house without having been previously arrested. Illi allura sabiex ir-reat tas-sekwestru tal-persuna jikkonfigura, trid tirriżulta l-privazzjoni ta' persuna mill-libertà personali tagħha u dan mhux biss meta dik il-persuna tittieħed forzatament minn post għall-ieħor, imma anke meta tiġi miżmuma kontra l-volontà tagħha milli tiċċaqlaq għal xi ħin jew tiġi msakkra x'imkien. Biex ikun hemm ir-reat ta' arrest illegali kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap.9, irid jirriżulta li l-vittma ġiet imwaqqfa, miżmuma jew meħuda minn post għall-ieħor kontra l-volontà tagħha, u s'intendi mingħajr awtorità leġittima. Bl-awturi, fosthom l-Antolisei u l-Maion, iqisu li sabiex jissussisti dan ir-reat mhux biss il-vittma trid tkun ġiet imċaħda b'mod assolut mill-libertà tagħha biex b'hekk ma jkunx hemm possibilità ta' ħarba jew sokkors, iżda wkoll illi tali privazzjoni tal-libertà trid tkun ipperdurat għal perijodu ta' ħin u mhux jekk dan jkun momentanju biss.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ in eżami l-Qorti tqis li kien hemm ċirkostanza partikolari fejn l-imputat effettivament wettaq dan ir-reat fil-konfront ta' martu u anke ta' uliedu. Dana seħħ dakinhar li kellu xi jgħid mal-ġenituri ta' martu għaliex Simone Francalanza ma reditx tmur tara t-trabi x'ħin l-imputat qalilhom biex imorru. F'ħin minnhom dakinhar l-imputat sakkar lil martu u lill-uliedu ġewwa l-kamra fejn kienu jabitaw sakemm mar jagħmel qadja ta' malajr. Michelle Attard xehdet dwar din l-okkażjoni bil-mod segwenti: *Darba minnhom kien għamel xenata d-dar li kważi ġejt fl-idejn ma missieri. … Għax indunaw li kull darba li ma nkunux fil-kamra eżempju jsakkar il-kamra biex żgur ma jidħlux fejn it-tfal jew hekk u darba minnhom ommi ħadet għaliha għax indunat li qed isakkar il-kamra u meta ddeċidew biex jiġu jarawhom ma nafx x qalet u ma ġietx u ġġieled magħhom imma sakemm iġġieled magħhom kellu xi qadja ta malajr ma nafx fejn kienet u ħareġ mid-dar u sakkar lili u lit-tfal fil-kamra. Imbagħad x'ħin ġie lura mar jiġġieled m ommi u daħal missieri u kienu ġejjin fl-idejn. … ħadd ma weġġa ,just biża li seta weġġa xi ħadd. … naf li kellu qadja ta malajr la naf iġib xi take-away imma xi ħaġa ċuċata kienet sakemm mar u ġie jiġifieri. I am sure li lit-tfal iħobbhom u jridilhom il-ġid kollu jiġifieri imma mhux b dan il-mod li jrid iwarrabhom u fis-sens*

*li ma jrid lil ħadd ħdejhom għax hu jgħidli li jrid jipproteġihom imma it is not the right way.*

Għalkemm Michelle Attard u t-trabi ma damux imsakkra għal tul ta' ħin eżaġerat, tant li l-istess Michelle Attard qalet ma damux, kemm mar u ġie, xorta jibqa' l-fatt li l-imputat sakkarhom kontra l-volontà ta' martu u ċertament mingħajr ebda raġuni valida, ġol-kamra fejn kienu jabitaw dak iż-żmien. Jibqa' l-fatt ukoll li għalkemm dan seħħ għal ħin qasir, xorta ma kienx xi ħaġa momentaneja u għalhekk ir-reat ai termini ta' l-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jissussisti.

In kwantu rigwarda l-fatt li kemm damu jgħixu għand Simone u Carmel Francalanza, Michelle Attard kienet pratikament ikkonfinata għall-kamra fejn kienu jabitaw hi u l-imputat bit-trabi tagħhom minħabba l-fatt li l-imputat assolutament ma riedx li martu w uliedu jkollhom kuntatt ma' ħadd, il-Qorti ma tqisx li tali stat ta' fatt jista' jikkostitwixxi r-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana billi fi kliema stess, Michelle Attard kienet toħroġ mill-kamra u addirittura ġieli telgħet fuq il-bejt hdejn żewġha. Il-Qorti hawn tagħmilha ċara li għalkemm tali fatt ma jikkwalifikax taħt ir-reat previst fl-Artikolu 86 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija xorta waħda ma hijiex qed tiġġustifika l-komportament ta' l-imputat lejn martu.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk, il-Qorti tqis li l-imputat għandu jinstab ħati tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet dwar piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni is-Social Inquiry Report relattiv għall-imputat redatt mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler kif ukoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li qed tillibera lill-imputat mill-ewwel, mit-tieni u mir-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 18, 31, 86, 87(h), 202(h)(i) u 251(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tat-tielet u tal-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu iżda peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ u fid-dawl tal-fatt li l-imputat jbati bl-ansjetà u ġieli jkollu diffikulta jikkontrolla r-rabja tiegħu u sabiex jiġi prevenut l-għemil ta 'reati oħra da parte ta 'l-istess imputat, is-sorveljanza ta' l-imputat minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa, a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta tqiegħed lill-imputat taħt **Ordni ta' Probation** għall-perijodu ta' tlett (3) snin millum, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Peress illi mill-atti proċesswali, senjatament mix-xhieda ta' Michelle Attard u mis-Social Inquiry Report redatt mill-Uffiċjal tal-Probation Matthew Fleri Soler, jirriżulta li l-imputat jbati bl-ansjetà u ġieli jkollu diffikulta jikkontrolla r-rabja tiegħu, a tenur ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tqiegħed lill-imputat taħt **Ordni ta' Trattament** u dana għall-perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-

data ta' din is-sentenza u taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta' Ordni ta' Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza. Tali Ordni qed jiġi impost sabiex l-imputat jitqiegħed taħt u jingħata t-trattament meħtieġ u adattat biex jiġu indirizzati l-problemi ta' ansjetà u kontroll ta' rabja li huwa għandu, u għal tali fini qed tappunta lill-Psikjatra Dr. Nigel Camilleri sabiex matul il-perijodu operattiv ta' l-Ordni ta' Trattament hawn impost fuq l-imputat huwa jsegwi lill-imputat u jagħtih dik il-kura u trattament meħtieġa biex jiġu indirizzati l-problemi li għandu.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwizit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament jiġu komunikati lid-Direttur tal-Probation Services u lil Dr. Nigel Camilleri.**

A tenur ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat **Ordni ta' Trażżin** għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Michelle Attard, Simone Francalanza u Carmel Francalanza. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għall-perijodu ta' tlett (3) snin li jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti tagħmilha ċara li siccome l-imputat u Michelle Attard għandhom tfal minuri bejniethom, l-imputat jista' jikkomunika u jekk hemm bżonn jiltaqa' ma' Michelle Attard limitatament għall-finijiet u bżonnijiet ta' tali tfal, mingħajr b'hekk ma jkun qed jikser l-Ordni ta' Trażżin hawn impost fuqu iżda, kemm-il darba l-imputat joħroġ 'l barra mill-limiti ta' din l-ezenzjoni limitata li qed issir, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Michelle Attard għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal tagħhom jew addirittura biex jivvessaha, jdejjaqha jew jheddidha, huwa jkun qed jikser l-Ordni ta' Trażżin hawn impost fuqu u b'hekk jittieħdu fil-konfront tiegħu l-passi, azzjonijiet u provvedimenti kollha meħtieġa ai termini tal-Liġi.

Din l-esenzjoni ma tapplikax fir-rigward ta' Simone u Carmel Francalanza.

Il-Qorti żżid u tagħmilha ċara li jekk fid-data ta' din is-sentenza hemm ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Michelle Attard li bih l-imputat b'xi mod ma għandux aċċess jew għandu aċċess limitat għat-tifel minuri tiegħu u ta' Michelle Attard, din is-sentenza u l-kondizzjoni (E) fid-Digriet ta' l-Ordni ta' Trazzin impost fuq l-imputat bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li jmorru kontra jew iġibu fix-xejn it-termini ta' tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Michelle Attard. Fl-eventwalità li hemm tali ordni ta' Qorti Kompetenti jew ftehim bejn l-imputat u Michelle Attard, huma t-termini ta' tali ordni jew ftehim li jipprevalu fuq l-ezenzjoni limitata konċessa b'din is-sentenza u tal-kondizzjoni (E) imsemmija għall-finijiet ta' l-Ordni ta' Trażżin hawn maħruġ fil-konfront ta' l-imputat.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tieghu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, inkluż li joħroġ 'l barra mill-limiti ta' l-ezenzjoni limitata konċessa fil-kondizzjoni (E) ta' l-Ordni ta' Trażżin, u cioè b'xi mod jikkomunika u/jew jiltaqa' ma' Michelle Attard għal affarijiet u materji mhux relatati mat-tfal minuri tagħhom, f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Fid-dawl ta' l-Ordni ta' Trażżin fil-konfront ta' l-imputat maħruġ illum stess, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex f'dan il-każ tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni wkoll tat-talba tal-Prosekuzzjoni għall-kundanna ta' l-imputat għall-ispejjeż għall-ħatra ta' Esperti ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li f'dawn il-proċeduri ma ġew maħtura l-ebda Esperti.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**